ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 140

Edizzjoni bil-Malti

Volum 53

29 ta' Mejju 2010

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kunsill**

2010/C 140/01 — Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Estonja, 2009-2013 . . . . . . . . . . . 1

2010/C 140/02 — Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Franza, 2009-2013 . . . . . . . . . . . . . . . . 6

2010/C 140/03 — Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Ġermanja, 2009-2013 . . . . . . . . . . . . 12

II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 140/04 — Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 18

MT

Prezz:
3 EUR

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2010/C 140/05 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax [1] ... 20

2010/C 140/06 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5843 – Eli Lilly/Certain Animal Health Assets of Pfizer) [1] ... 21

IV *Avviżi*

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2010/C 140/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2010 dwar ir-reviżjoni futura tas-sistema tat-Trade Marks fl-Unjoni Ewropea ... 22

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 140/08 Rata tal-kambju tal-euro ... 24

V *Opinjonijiet*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 140/09 Għajnuna mill-istat – Spanja – Għajnuna mill-Istat C 10/10 (ex N 562/09) – Għajnuna għar-ristrutturar lil A NOVO Comlink SL – Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE [1] ... 25

2010/C 140/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5870 – Foxconn/Sony LCD TV Manufacturing Company in Slovakia) [1] ... 33

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

# I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUNSILL

## OPINJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Estonja, 2009-2013

(2010/C 140/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Estonja, li jkopri l-perijodu 2009 sal-2013.

(2) L-ekonomija Estonjana bħalissa qed toħroġ minn riċessjoni gravi. Filwaqt li r-riċessjoni wasslet għall-pressjonijiet evidenti fuq il-finanzi pubbliċi, il-bidla fid-direzzjoni opposta tad-domanda domestika li ma kinitx sostenibbli u t-tmiem f'daqqa tal-isplużjoni fil-proprjetà wasslu biex in-nuqqasijiet ta' bilanċ interni u esterni preċedentement għolja għebu b'rapidità. Jekk jittieħdu inkonsiderazzjoni n-nuqqasijiet ta' bilanċ makroekonomiċi sostanzjali qabel it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, l-azzjoni b'firxa wiesgħa u deċiżiva mill-gvern biex irażżan l-impatt negattiv tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fuq il-finanzi pubbliċi kienet reazzjoni prudenti konformi mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku. Hija għenet biex trażżan ir-riskji ekonomiċi, baġitarji u finanzjarji tas-sistema u kkontribwiet biex tirrestawra l-kompetittività permezz ta' aġġustament tal-prezzijiet u l-pagi fl-ekonomija. Il-preservazzjoni ta' paraventi monetarji solidi biex jappoġġjaw l-istabbiltà tar-rata tal-kambju u l-linja ta' politika finanzjarji prudenti tas-settur, inkluża kooperazzjoni transkonfinali msaħħa, għenu biex jiġu evitati żviluppi ħżiena. Livelli għolja ta' dejn akkumulati mis-settur privat issa qed jitnaqqsu bil-mod il-mod iżda minkejja dan ser ikunu ta' piż fuq l-irkupru, u jnaffru l-konsum u l-investiment. L-isfidi ta' politika fundamentali li jmiss jinkludu ż-żieda tal-produttività tal-ekonomija biex tittejjeb b'mod ulterjuri l-kompetittività u l-progress fil-mixja lejn konverġenza li tibqa' fit-tul u t-trażżin tar-riskju ta' telf tal-ħiliet minħabba qgħad li jifrex fuq medda twila ta' żmien. B'mod aktar ġenerali, l-isfida ekonomika hija li traġġa' lura tkabbir pożittiv u sostenibbli waqt li jiġi evitat kwalunkwe pass lura fid-direzzjoni ta' nuqqasijiet ta' bilanċ interni u esterni sinifkanti. Diġà sar aġġustament importanti tal-finanzi pubbliċi għat-tkabbir aktar baxx mistenni fis-snin li ġejjin, iżda għad irid jinkiseb progress ulterjuri fuq medda medja ta' żmien.

(3) Minkejja li l-biċċa l-kbira tad-deterjorazzjoni osservata fil-PDG fil-kuntest tal-kriżi hija ċiklika, il-livell tal-produzzjoni potenzjali wkoll ġie affettwat b'mod negattiv. Apparti dan, il-kriżi tista' taffettwa wkoll it-tkabbir potenzjali fuq medda medja ta' żmien permezz ta' livell iktar baxx ta' investiment, restrizzjonijiet fid-disponibbiltà tal-kreditu u żieda fil-qgħad strutturali. Barra dan, l-impatt tal-kriżi ekonomika jaggrava l-effetti negattivi tat-tixjiħ demografiku fuq il-produzzjoni potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Fuq dan l-isfond ser ikun essenzjali li jiġi aċċellerat ir-ritmu tar-riformi strutturali bl-iskop ta' appoġġ għat-tkabbir potenzjali. L-aġġustament tal-ekonomija lejn kompożizzjoni ta' tkabbir aktar sostenibbli fejn l-esportazzjonijiet għandhom rwol aktar prominenti huwa prerekwiżit għal dan. B'mod partikolari, minħabba ż-żieda sinifikant fil-qgħad fl-Estonja, huwa importanti li hija tintensifika l-implimentazzjoni tal-linji ta' politika tas-suq tax-xogħol attiv, tagħmel is-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ aktar reattivi għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tinvesti fit-tagħlim tul il-ħajja.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jistgħu jinsabu fuq is-sit web li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/index_mt.htm

(4) Ix-xenarju makroekonomiku tal-programm jipprevedi li l-PDG reali, wara waqgħa stmata ta' 14,5 % fl-2009, ser ikun f'rata fissa (– 0,1 %) fuq bażi ta' sena sħiħa fl-2010, biex imbagħad jirkupra b'rata medja ta' tkabbir ta' 3,7 % tul il-bqija tal-perijodu tal-programm.

Il-kondizzjonijiet ċikliċi huma previsti li jibdew jittiejbu bil-mod il-mod tul l-andament tal-2010. Id-domanda domestika mistennija tkompli żżomm lura l-irkupru fl-2010, bit-tkabbir jiġi primarjament biż-żieda fid-domanda esterna u b'inverżjoni taċ-ċiklu tal-inventarju. Is-sorsi domestiċi ta' tkabbir huma previsti li jerġgħu jingranaw mill-2011. Meta vvalutat u mqabbel mal-informazzjoni disponibbli bħalissa [1], dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq preżunzjonijiet plawżibbli ta' tkabbir, filwaqt li l-inċertezzi relatati mal-iżviluppi ekonomiċi jibqgħu għolja. Il-previżjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni jidhru li huma realistiċi u l-preżunzjonijiet monetarji u tar-rata tal-kambju huma konsistenti mal-bqija tax-xenarju makroekonomiku. Id-deterjorazzjonijiet nominali fil-prezzijiet u l-pagi domestiċi jinsabu fi triqthom sewwa u dawn huma mistennija li jissuktaw fl-2010 kemm skont il-programm kif ukoll il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, għalkemm b'xi differenzi. Fid-dawl tal-kollass tal-importazzjonijiet bħala riżultat tar-riċessjoni, l-iżbilanċ estern preċedentement għoli nbidel f'bilanċ pożittiv, li mistenni li jiġi ppreservat fuq medda medja ta' żmien f'livell ogħla mill-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa, minħabba l-aspettattivi aktar kawti tal-programm fir-rigward tal-evoluzzjoni tad-domanda domestika. Il-programm jipprevedi żieda ulterjuri fil-qgħad fl-2010 u deterjorazzjoni fir-rata ta' parteċipazzjoni tul il-perijodu tal-programm.

(5) L-istrateġija ekonomika u baġitarja ġenerali tal-awtoritajiet tirrifletti t-twemmin sod tagħhom f'finanzi pubbliċi sodi. Il-programm jistma li l-iżbilanċ tal-amministrazzjoni pubblika fl-2009 għal 2,6 % tal-PDG, li huwa qrib ferm tal-livell tal-2008 (2,7 %). Dan jirrifletti konsolidazzjoni baġitarja komprensiva u b'firxa wiesgħa implimentata matul l-2009 kontra deterjorazzjoni sinifikanti tal-qagħda ekonomika. Il-konsolidazzjoni implimentata rriżultat f'żieda żgħira fl-introjtu nominali, fil-biċċa l-kbira dovuta għal introjtu mhux fiskali ogħla u żieda f'diversi rati tat-taxxa, minkejja li kien hemm waqgħa konsiderevoli fil-PDG nominali. B'riżultat tat-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-gvern, in-nefqa ġiet ippreservata f'livell komparabbli ma' dak tal-2008. Fl-istess waqt, aktar assorbiment tal-fondi strutturali tal-UE pprovdew appoġġ kontraċikliku lill-ekonomija.

It-titjib fil-bilanċ strutturali, jiġifieri l-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji kkalkolati skont il-metodoloġija maqbula komunement, ammonta għal 3,5 % tal-PDG skont il-programm, li jimplika pożizzjoni fiskali restrittiva ferm. Fl-istess ħin, l-ammont ġenerali tal-miżuri diskrezzjonarji implimentati fl-2009 jindika sforz ta' konsolidazzjoni saħansitra akbar, li jammonta għal aktar minn 9 % tal-PDG. Id-differenza tista' tkun attribwita, l-ewwel nett, għall-fatt li l-istrateġija ta' konsolidazzjoni bbażat ferm fuq it-treġġigħ lura ta' żieda fl-infiq stabbilita preċedentement fil-konsum tal-gvern u l-benefiċċji soċjali; it-tieni nett, għall-effetti ta' kompożizzjoni negattivi fuq id-dħul mit-taxxa, partikolarment minħabba tnaqqis evidenti fil-konsum privat u l-kont tal-pagi; it-tielet nett, dovuta għal inċertezzi li jirrelataw mal-kalkolu ta' bilanċi aġġustati ċiklikament, minħabba l-kobor u l-karatteristiċi tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Skont il-programm, l-iżbilanċ nominali tal-amministrazzjoni pubblika għandu jibda jonqos bil-mod fl-2010, u jilħaq pożizzjoni ta' bilanċ pożittiv sal-aħħar tal-perijodu tal-programm.

(6) Il-programm jipprevedi żbilanċ nominali ta' 2,2 % tal-PDG fl-2010. It-titjib fil-bilanċ nominali meta mqabbel mas-sena ta' qabel fil-biċċa l-kbira jista' jiġi attribwit għall-impatt ta' sena sħiħa ta' miżuri ta' konsolidazzjoni implimentati mit-tieni nofs tal-2009 kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll minn dik tan-nefqa. Barra minn hekk, fl-2010 ġew implimentati żidiet ulterjuri fit-taxxa tas-sisa, li rriżultaw f'żieda previsti tal-introjtu fiskali, minkejja li l-PDG nominali ċkien b'madwar 1,25 %. In-nefqa nominali hija previsti li tibqa' b'mod ġenerali fil-livell tal-2009, bi ftit żieda fl-investiment tal-amministrazzjoni pubblika titpatta minn deterjorazzjoni ulterjuri fil-konsum tal-amministrazzjoni pubblika; għal-hekk il-proporzjon tan-nefqa jiżdied bi ftit. B'mod ġenerali, miżuri addizzjonali għat-titjib tal-pożizzjoni fiskali jammontaw għal 0,7 % tal-PDG fl-2010, flimkien mal-impatt ta' sena sħiħa ta' deċiżjonijiet ta' konsolidazzjoni li ttieħdu fit-tieni nofs tal-2009 li jammontaw għal 2,5 % tal-PDG. Minkejja dan, il-pożizzjoni fiskali ppjanata mkejla minn bidla fil-bilanċ strutturali, hija b'mod ġenerali newtrali. Id-diskrepanza bejn iż-żewġ strateġiji hija parzjalment dovuta għal dipendenza miżjuda fuq il-miżuri ta' darba u dawk temporanji fil-programm, fid-dawl ta' kondizzjonijiet ċikliċi li għadhom dgħajfa, u parzjalment dovuta għall-inċertezzi msemmijin hawn fuq li għandhom x'jaqsmu mal-kalkolu ta' bilanċi aġġustati ċiklikament.

(7) L-iskop ewlieni tal-istrateġija baġitarja tal-programm li tifrex fuq medda medja ta' żmien huwa li jinkiseb l-għan fuq terminu ta' żmien medju (MTO), definit fil-programm bħala bilanċ strutturali, sa tmiem il-perijodu tal-programm fl-2013, meta l-bilanċ nominali u dak primarju huma previsti li jilħqu pożizzjoni ta' bilanċ pożittiv. Minħabba l-aktar previżjonijiet u livell ta' dejn reċenti, l-MTO jirrifletti aktar milli adegwatament l-objettivi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-bilanċ strutturali kkalkulat skont il-metodoloġija maqbula komunement għandu jitjieb skont il-programm b'0,5-1 % tal-PDG kull sena fil-perijodu 2011-2013. It-titjib huwa previst li jiġi fil-biċċa l-kbira minħabba li l-proporzjon tan-nefqa għal PDG jonqos b'mod aktar rapidu mill-proporzjon tal-introjtu għal-PDG, bi tnaqqis nominali mistenni fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji primarji fl-aħħar snin tal-programm, partikolarment il-kumpens tal-impjegati u l-pagamenti soċjali. Madankollu, il-programm ma jagħtix informazzjoni dettaljata dwar il-miżuri estensivi biex jappoġġjaw din il-konsolidazzjoni. Id-dipendenza fuq

[1] Il-valutazzjoni tieħu u tikkonsidra notevolment il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009, iżda anke informazzjoni oħra li saret disponibbli minn dak iż-żmien 'l hawn.

miżuri ta' darba biex jintlaħqu l-miri baġitarji ser tonqos fl-2011 u tgħib fl-aħħar snin tal-programm. B'riflessjoni ta' din ix-xejra, flimkien mat-tnaqqis tal-finanzjament disponibbli skont il-perpsettiva finanzjarja 2007-2013, is-sehem tal-introjtu mhux fiskali huwa previst li jonqos għal-livell li kellu fl-2008 sa tmiem il-perijodu tal-programm.

(8) Ir-riżultati baġitarji jistgħu jirriżultaw li jkunu agħar milli previst fil-programm fuq terminu qasir u medju ta' żmien. Kif innutat hawn fuq, l-inċertezzi marbuta mal-ambjent makroekonomiku huma estensivi, u dawn iġorru magħhom riskji baġitarji ovvji, għalkemm ma jidher li hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi li dawn ir-riskji msemmija l-aħħar huma predisposti 'l fuq jew 'l isfel. Inċertezzi addizzjonali għall-2010 joriġinaw mid-dipendenza fuq elementi prekarji. B'mod partikolari, il-bejgħ ippjanat ta' assi mhux finanzjarji li jammontaw għal 0,5 % tal-PDG mhux bilfors iseħħ kompletament, filwaqt li t-tnaqqis tad-dividends u ishma tal-qligħ minn kumpaniji bi sjieda statali huwa soġġett għal deċiżjonijiet amministrattivi u għalhekk fih ċerti riskji ta' implimentazzjoni. Barra minn dan, id-dħul aħjar milli mistenni fl-2009 huwa parzjalment attribwibbli għal ħażna mifruxa tal-oġġetti soġġetti għat-taxxi tas-sisa qabel iż-żidiet fir-rata tat-taxxa ta' Jannar 2010, u jista' jwassal biex jagħmel tajjeb għall-impatt ta' dħul negattiv fl-2010.

Filwaqt li d-dipendenza fuq miżuri ta' darba u dawk temporanji ser tonqos fl-aħħar snin tal-programm, ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar miżuri strutturali biex jieħdu post dawn, u dan jimplika riskji għall-miri. Minkejja dan, il-prestazzjoni baġitarja soda fl-imgħoddi tal-awtoritajiet Estonjani ttaffihom parzjalment.

(9) Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern fil-livell ta' 7,8 % tal-PDG fl-2009 huwa ferm inqas mill-valur ta' referenza tat-Trattat. Il-proporzjon tad-dejn huwa previst li jiżdied għal 14,3 % tal-PDG sa tmiem il-perijodu tal-programm, immexxi mill-iżbilanċi tal-gvern. L-amministrazzjoni pubblika mistennija tippreserva l-pożizzjoni tagħha mil-lat ta' assi netti tul il-perijodu tal-programm.

(10) Previżjonijiet ta' dejn fuq terminu medju li jassumu li r-rati ta' tkabbir tal-PDG ser jirkupraw bil-mod għall-valur previsti qabel il-kriżi, li l-proporzjonijiet tat-taxxa ser jirritornaw għal livelli ta' qabel il-kriżi u li jinkludu ż-żieda prevista fl-ispejjeż relatati mat-tixjiħ juru li l-istrateġija baġitarja prevista fil-programm, meħuda b'valur nominali u mingħajr ebda bidla oħra ta' politika, ikunu aktar milli biżżejjed biex jistabbilizzaw il-proporzjon tad-dejn mal-PDG sal-2020.

(11) L-impatt baġitarju fuq medda twila ta' żmien tal-popolazzjoni li qed tixjieħ huwa sinifikattivament inqas mill-medja tal-UE. Il-livell attwali tad-dejn gross huwa baxx ferm fl-Estonja u l-preservazzjoni ta' finanzi sodi tal-gvern, skont il-pjanijiet baġitarji tul il-perijodu tal-programm, għandha tikkontribwixxi biex tillimita r-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li ġew ivvalutati mir-Rapport tas-Sostenibbiltà tal-Kummissjoni tal-2009 ([1]) bħala baxxi.

(12) Il-qafas baġitarju huwa bbażat fuq regola ta' bilanċ nominali għall-pożizzjoni baġitarja tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-regola ilha pedament sod li jifrex fuq medda twila ta' żmien tal-politika ekonomika, u tikkontribwixxi għal prestazzjoni baġitarja soda tal-imgħoddi u akkumulazzjoni tal-assi finanzjarji.

F'dawn l-aħħar snin l-implimentazzjoni tar-regola evolviet billi ġiet armonizzata maċ-ċiklu, fejn ġie aċċettat li wħud mill-karatteristiċi ta' approċċ ta' bilanċ strutturali b'tali mod li bilanċ pożittiv kien jiġi mmirat għall-quċċata taċ-ċiklu u ġew aċċettati l-iżbilanċi waqt ir-riċessjoni. Madankollu, in-nuqqas ta' nefqa separata u/jew regoli tad-dħul setgħu kkontribwew għal nefqa parzjali tad-dħul ta' darba waqt irkupri u qċaċet ċikliċi. Barra minn dan, jeżistu nuqqasijiet fil-qafas baġitarju li jifrex fuq medda medja ta' żmien li jdgħajfu l-kontinwità bejn aġġornamenti annwali; jibqa' l-fatt li programmi aġġornati ta' konverġenza ma jiġux diskussi qabel l-adozzjoni tagħhom mill-Parlament. Il-programm fih pjanijiet, li huma diġà fil-proċess tal-implimentazzjoni, biex isaħħu l-proċess baġitarju billi jtejbu l-ippjanar strateġiku u annwali, u permezz ta' hekk jindirizzaw uħud min-nuqqasiijiet deskritti hawn fuq.

(13) Bidliet fit-taxxa implimentati fl-2009-2010 jissuktaw l-istrateġija li t-tassazzjoni tiċċaqlaq fid-direzzjoni tal-konsum u l-użu ta' riżorsi naturali, filwaqt li d-dipendenza fuq it-taxxa fuq ix-xogħol żdiedet ukoll. Barra dan, il-programm jirreferi għal analiżi kontinwa tal-effettività ta' eżenzjonijiet eżistenti u rati preferenzjali tat-taxxa, biex tiġi żgurata flessibbiltà aqwa fil-proċess baġitarju billi jitnaqqas l-għadd ta' dħul allokat, għal sforzi kontinwi biex jiġġieldu l-evażjoni tat-taxxa u biex tiġi simplifikata u razjonalizzata b'mod ulterjuri l-amministrazzjoni fiskali. Dawn il-miżuri, u ċaqliq ulterjuri fit-tassazzjoni mix-xogħol lejn id-direzzjoni ta' sorsi ċiklikament inqas sensittivi, jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll għat-taffija tar-riskji għall-perspettiva finanzjarja.

(14) L-istrateġija li tiżgura parteċipazzjoni bla skossi fl-ERM II, imsaħħa minn għadd ta' impenji ta' politika meħudin fiż-żmien tad-dħul tal-ERM II, timmira għall-iżgurar tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju billi wieħed iżomm ilqugħ monetarji suffiċjenti, stabbiltà finanzjarja u fiskali u l-preservazzjoni tal-flessibbiltà tas-swieq tax-xogħol u tal-produzzjoni.

([1]) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2009 dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi "il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jiffokaw l-attenzjoni fuq strateġiji orjentati lejn is-sostenibbiltà fil-programmi tagħhom li jmiss ta' stabbiltà u konverġenza" u b'mod ulterjuri "jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tiżviluppa aktar il-metodoloġiji għall-evalwar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fil-ħin għar-rapport ta' Sostenibbiltà li jmiss", li huwa mistenni fl-2012.

Filwaqt li l-Estonja daħlet fil-kriżi f'pożizzjoni relattivament b'saħħitha b'riservi fiskali kbar, b'settur bankarju fil-biċċa l-kbira b'saħħtu u relattivament bi grad għoli ta' flessibbiltà tal-paga u l-prezzijiet, il-linji ta' politika ta' qabel ma żammewx l-emerġenza ta' żbilanċi makroekonomiċi sinifikanti, kif evidenzjat minn rati għoljin ferm ta' żieda fil-kreditu, pressjonijiet ta' inflazzjoni sinifikanti, żbilanċi kbar fil-kontijiet kurrenti u espansjoni mhix sostenibbli fil-proprjetà. Biex jillimitaw id-deterjorazzjoni tal-finanzi pubbliċi fil-kriżi, fl-2009 l-awtoritajiet adottaw diversi pakketti ta' konsolidazzjoni mdaqqsin. Din il-konsolidazzjoni għandu jkollha impatt pożittiv li jmur lil hinn mill-2009, filwaqt li, b'mod partikolari, it-tnaqqis tal-kont tal-pagi tas-settur pubbliku jikkontribwixxi b'mod pożittiv biex jgħibu n-nuqqasijiet ta' bilanċ fl-ekonomija. Is-settur bankarju baqa' b'kapital tajjeb u għandu biżżejjed likwidità. Sar ukoll progress fil-politika strutturali. Il-liġi tax-xogħol adottata dan l-aħħar saħħet il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol, filwaqt li ffaċilitat l-aġġustament tal-ekonomija mill-mudell domestiku preċedenti ddettat mid-domanda għal tkabbir aktar sostenibbli. F'dak li għandu x'jaqsam mas-swieq tal-prodotti, il-miżuri ta' politika jimmiraw li jsaħħu l-kompetizzjoni. Il-kompetittività tas-settur kummerċjabbli li fl-2009 bdiet tibbenefika mit-tnaqqis kontinwu fl-ispejjeż tal-pagi, kif ukoll minn programmi statali mmirati, inkluż permezz ta' użu effettiv tal-fondi strutturali tal-UE, qiegħda tissaħħaħ. L-isfida li trid titfaċċa hija li tiġi evitata kwalunkwe rikaduta għal żbilanċi interni u esterni ladarba jiġi stabbilit l-irkupru.

(15) Jekk jittieħdu inkonsiderazzjoni r-riskji għall-miri baġitarji msemmija hawn fuq, l-istrateġija baġitarja tal-programm tista' titqies bħala konformi fil-biċċa l-kbira mar-rekwiżiti tal-Patt. B'mod partikolari, il-kisba ppjanata tal-MTO sa tmiem il-perijodu tal-programm, fuq l-isfond tat-tiċkin qawwi ta' dan l-aħħar tal-attività ekonomika, hija eżempju ta' mira ambizzjuża b'mod xieraq li tikkorrispondi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija konsistenti mal-parteċipazzjoni bla skossi fl-ERM II. Minkejja dan, għad baqa' xi riskji li jifirxu fuq medda qasira ta' żmien fid-dawl tal-inċertezzi relatati mal-ambjent makroekonomiku u d-dipendenza fuq elementi prekarji. Huwa possibbli wkoll li l-MTO ma jinkisibx kif previst fil-programm, jekk il-konsolidazzjoni mmirata ma tinrifidx minn miżuri ulterjuri li jifirxu fuq medda medja ta' żmien.

(16) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-dejta speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi lakuni fid-data rikjesta u f'dik fakultattiva ([1]).

Il-konklużjoni globali hija li l-Estonja implimentat konsolidazzjoni deċiżiva tal-finanzi pubbliċi fl-2009 kontra deterjorazzjoni sinifikanti tal-qagħda ekonomika, li kkontribwiet għall-aġġustament li għadu għaddej fl-ekonomija u mmirat lejn il-parteċipazzjoni bla skossi fl-ERM II, filwaqt li rsistiet biex tevita qagħda ta' żbilanċ eċċessiv. L-ekonomija bħalissa ħierġa minn riċessjoni gravi, filwaqt li l-medja tat-tkabbir hija prevista li tibqa' konsiderevolment inqas fuq medda medja ta' żmien milli fil-perijodu ta' titjib fl-attività kummerċjali u s-snin ta' quċċata taċ-ċiklu reċenti. Il-konsolidazzjoni implimentata fl-2009 diġà tikkostitwixxi aġġustament ewlieni tal-finanzi pubbliċi għat-tkabbir iżgħar mistenni fuq medda medja ta' żmien. Minkejja dan, il-kisba ta' kontroll aktar strett tan-nefqa u t-titjib tal-qafas baġitarju li jifrex fuq medda medja ta' żmien jibqgħu biċċa xogħol li għad trid titlesta. Il-programm jimmira deterjorazzjoni bil-mod il-mod fl-iżbilanċ nominali tal-amministrazzjoni pubblika mill-2010, li jilħaq pożizzjoni ta' bilanċ pożittiv f'konformità mal-MTO sa tmiem il-perijodu tal-programm, minkejja li dawn ir-riżultati baġitarji huma soġġetti għal riskji ta' sovrastima fuq medda qasira u medja ta' żmien.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq u wkoll minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata konverġenza sostenibbli u parteċipazzjoni bla skossi fl-ERM II, l-Estonja hija mistiedna biex:

(i) tiżgura li l-iżbilanċ tal-amministrazzjoni pubblika jibqa' inqas minn 3 % tal-PDG u tieħu l-miżuri meħtieġa biex tirfed ir-ritorn immirat għall-MTO fuq medda medja ta' żmien;

(ii) issaħħaħ il-qafas baġitarju li jifrex fuq medda medja ta' żmien, partikolarment billi ttejjeb l-ippjanar tan-nefqa, u ssaħħaħ b'mod ulterjuri s-sistema ta' monitoraġġ tal-miri strateġiċi u r-rappurtar dwarhom.

**Tqabbil ta' previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin**

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (% ta' bidla) | **CP Jan 2010** | **– 3,6** | **– 14,5** | **– 0,1** | **3,3** | **3,7** | **4,0** |
| | COM Nov 2009 | – 3,6 | – 13,7 | – 0,1 | 4,2 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *– 2,2* | *– 3,5* | *2,6* | *4,8* | *5,0* | *m.d.* |

([1]) B'mod partikolari, is-suppożizzjonijiet tar-rata tal-kambju effettiva nominali huma nieqsa.

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Inflazzjoni HICP (%) | **CP Jan 2010** | **10,6** | **0,2** | **0,4** | **1,9** | **2,3** | **2,7** |
| | COM Nov 2009 | 10,6 | 0,2 | 0,5 | 2,1 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *10,6* | *4,2* | *2,8* | *3,0* | *3,2* | *m.d.* |
| Differenza fil-produzzjoni ([1]) (% tal-PDG potenzjali) | **CP Jan 2010** | **6,2** | **– 8,8** | **– 8,4** | **– 5,7** | **– 3,1** | **– 0,5** |
| | COM Nov 2009 ([2]) | 4,7 | – 9,4 | – 9,1 | – 5,4 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *0,9* | *– 5,7* | *– 5,9* | *– 3,9* | *– 1,7* | *m.d.* |
| Tislif/self nett fir-rigward tal-bqija tad-dinja (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **– 8,4** | **6,9** | **8,5** | **6,3** | **2,9** | **– 1,0** |
| | COM Nov 2009 | – 8,2 | 6,3 | 3,7 | 2,4 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *– 10,5* | *– 5,1* | *– 5,0* | *– 4,7* | *– 4,7* | *m.d.* |
| Introjtu tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **37,1** | **45,0** | **45,7** | **44,0** | **41,5** | **39,2** |
| | COM Nov 2009 | 37,1 | 41,9 | 43,5 | 42,4 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *36,2* | *38,9* | *37,8* | *36,5* | *35,2* | *m.d.* |
| Infiq tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **39,9** | **47,6** | **47,9** | **46,0** | **42,5** | **39,0** |
| | COM Nov 2009 | 39,9 | 44,8 | 46,7 | 45,4 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *38,2* | *40,6* | *38,8* | *36,4* | *35,0* | *m.d.* |
| Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika ([3]) (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **– 2,8** | **– 2,6** | **– 2,2** | **– 2,0** | **– 1,0** | **0,2** |
| | COM Nov 2009 | – 2,7 | – 3,0 | – 3,2 | – 3,0 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *– 1,9* | *– 1,7* | *– 1,0* | *0,1* | *0,2* | *m.d.* |
| Bilanċ primarju (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **– 2,5** | **– 2,3** | **– 2,0** | **– 1,7** | **– 0,6** | **0,7** |
| | COM Nov 2009 | – 2,5 | – 2,6 | – 2,6 | – 2,3 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *– 1,8* | *– 1,5* | *– 0,8* | *0,3* | *0,4* | *m.d.* |
| Bilanċ aġġustat ċiklikament ([1]) (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **– 4,7** | **0,1** | **0,4** | **– 0,3** | **– 0,1** | **0,4** |
| | COM Nov 2009 | – 4,2 | – 0,1 | – 0,4 | – 1,3 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *– 2,2* | *0,0* | *0,8* | *1,3* | *0,7* | *m.d.* |
| Bilanċ strutturali ([4]) (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **– 4,7** | **– 1,1** | **– 1,5** | **– 0,9** | **– 0,1** | **0,4** |
| | COM Nov 2009 | – 4,4 | – 2,5 | – 2,4 | – 1,9 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *– 2,4* | *– 0,1* | *0,4* | *1,2* | *0,7* | *m.d.* |
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | **CP Jan 2010** | **4,6** | **7,8** | **10,1** | **13,0** | **14,2** | **14,3** |
| | COM Nov 2009 | 4,6 | 7,4 | 10,9 | 13,2 | m.d. | m.d. |
| | *PK Diċ 2008* | *3,7* | *3,7* | *3,5* | *3,0* | *2,8* | *m.d.* |

*Noti:*

([1]) Differenzi fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programmi.
([2]) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 2,3 %, – 0,2 %, – 0,4 % u 0,2 % rispettivament fil-perijodu 2008-2011.
([3]) Programm ta' Konverġenza: Definizzjoni tal-ESA95; Servizzi tal-Kummissjoni Definizzjoni tal-EDP.
([4]) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba biss u oħrajn temporanji. Miżuri ta' darba u miżuri temporarji oħrajn huma 1,2 % tal-PDG fl-2009, 1,9 % tal-PDG fl-2010 u 0,6 % tal-PDG fl-2011, żieda globali fl-iżbilanċ, skont l-aktar programm reċenti u 0,2 % tal-PDG fl-2008, 2,4 % tal-PDG fl-2009, 2,0 % tal-PDG fl-2010 u 0,6 % tal-PDG fl-2011, tnaqqis globali fl-iżbilanċ, skont il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-Ħarifa 2009.

*Sors:*

*Il-Programm ta' Konverġenza (KP); Il-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-Ħarifa 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

# OPINJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Franza, 2009-2013

(2010/C 140/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fis-26 ta' April 2010 l-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Franza, li jkopri l-perijodu mill-2009 sal-2013.

(2) L-attività ekonomika fi Franza tilfet id-dinamiżmu tagħha matul l-2008 u naqset b'mod qawwi fir-raba' kwart u fl-ewwel kwart tal-2009. Mit-tieni kwart tal-2009, reġgħet telgħet mill-ġdid, sostnuta minn miżuri ta' stimolu fi Franza u fil-pajjiżi ġirien. Waħda mill-isfidi prominenti għall-politika ekonomika hija s-sitwazzjoni tal-finanzi pubbliċi. Speċifikament, mill-2002 l-iżbilanċ fi Franza kien jew fuq jew qrib il-limitu massimu ta' 3 % tal-PDG, li jirrifletti sforzi ta' konsolidazzjoni insuffiċjenti. F'dan il-kuntest, Franza kienet taħt proċedura ta' żbilanċ eċċessiv bejn l-2002 u l-2007, u rċeviet pariri ta' politika mill-Kummissjoni f'Mejju 2008. Wara n-notifika ta' żbilanċ 'il fuq minn 3 % tal-limitu massimu tal-PDG fl-2008, ġiet imnedija proċedura ġdida ta' żbilanċ eċċessiv fi Frar 2009, li tipprevedi l-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2013. Sfidi oħra jinkludu l-indirizzar ta' nuqqasijiet min-naħa tal-provvista li jwasslu għal kompetittività esterna insuffiċjenti, kif ukoll iżidu l-utilizzazzjoni tax-xogħol.

(3) Għalkemm ħafna mit-tnaqqis osservat fil-PDG reali fil-kuntest tal-kriżi huwa ċikliku, il-livell tal-produzzjoni potenzjali wkoll ġie affettwat b'mod negattiv. Barra minn hekk, il-kriżi tista' taffettwa wkoll it-tkabbir potenzjali fil-perijodu medju permezz ta' inqas investiment, limitazzjonijiet fid-disponibbiltà tal-kreditu u fiż-żieda fil-qgħad strutturali. Barra minn hekk, l-impatt tal-kriżi ekonomika jaggrava l-effetti negattivi tat-tixjiħ demografiku fuq il-produzzjoni potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. F'dan l-isfond ser ikun essenzjali li jitħaffef il-pass tar-riformi strutturali bil-għan li jkun sostnut it-tkabbir potenzjali. B'mod partikolari, għal Franza huwa importanti li jitwettqu riformi fl-oqsma tas-suq tax-xogħol u l-qafas tal-kompetizzjoni globali.

(4) Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huwa msejjes il-programm jipprevedi li wara kontrazzjoni bi 2,2 % fl-2009, il-PDG reali ser jikber għal darb'oħra b'1,4 % fl-2010 qabel ma jirkupra għal rata medja ta' 2,5 % matul il-bqija tal-perijodu tal-programm. Meta vvalutat fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli attwalment ([2]), dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir kemxejn favorevoli għall-2010 pjuttost konformi mal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni u l-kompożizzjoni tat-tkabbir fil-previżjonijiet tal-programm tkun aktar rikka fit-taxxi milli kif previst mis-servizzi tal-Kummissjoni. Mill-2011 is-suppożizzjonijiet ta' tkabbir huma favorevoli b'mod ċar u 0,75 p.p. 'l fuq mill-potenzjal fuq medja mill-2011 sal-2013 (kif ikkalkolati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programm wara l-metodoloġija bi qbil komuni). Dan ifisser li l-lakuna tal-produzzjoni qed timtela malajr. Ir-rati ta' tkabbir jistrieħu prinċipalment fuq id-domanda domestika, u notevolment il-konsum fid-djar matul il-perijodu tal-programm. Il-previżjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni jidhru konformi mal-previżjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' dawk tat-tkabbir tal-impjiegi, li jibqgħu negattivi fl-2010 qabel ma jirkupraw, li jirrifletti d-dewmien tradizzjonali tal-attività.

(5) Il-programm jistima l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali fl-2009 bħala 7,9 % tal-PDG. Il-deterjorament sinifikanti minn żbilanċ ta' 3,4 % tal-PDG fl-2008 jirrifletti fil-biċċa l-kbira l-impatt tal-kriżi fuq il-finanzi tal-gvern (notevolment id-dħul mit-taxxa korporattiva u l-VAT), iżda wkoll b'riżultat tal-miżuri ta' stimolu li jammontaw għal 1,1 % tal-PDG li l-gvern adotta f'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (PERE). Skont il-programm, il-politika fiskali hija ppjanata li tkun newtrali fl-2010 u qed issir restrittiva fis-snin l-aktar imbiegħda bil-ħsieb li jissewwa l-iżbilanċ eċċessiv sal-2013 skont ix-xenarju preżunt ta' tkabbir. Dan il-konsolidament huwa konformi mal-istrateġija tal-ħruġ irrakkomandata mill-Kunsill.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/index_en.htm

([2]) Il-valutazzjoni b'mod partikolari tieħu kont tas-servizzi tal-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-Ħarifa 2009 u l-previżjoni interim għall-Frar 2010, iżda wkoll informazzjoni oħra li saret disponibbli minn dakinhar.

(6) Il-programm ta' stabbiltà ta' Frar 2010 jassumi li l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali fl-2010 ser jiddeterjora minn 0,3 % tal-PDG u jilħaq it-8,2 % tal-PDG fl-2010. Franza implimentat il-miżuri ta' tnaqqis ta' żbilanċ fl-2010 kif ippjanat fil-proposta tal-gvern għal-liġi tal-baġit għall-2010 filwaqt li evitatat deterjorament ulterjuri tal-finanzi pubbliċi, bl-eċċezzjoni tad-deċiżjoni fuq self pubbliku "biex ikun investit fil-ġejjieni" li ser ikollha impatt baġitarju negattiv ta' madwar 0,1 % tal-PDG fl-2010 (u minn hemm 'il quddiem), li jidhru li huma ġeneralment konformi mar-rakkomandazzjonijiet l-aktar reċenti skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE indirizzati lil Franza. Il-previżjoni tal-iżbilanċ għall-2010 huwa ta' 0,3 % tal-PDG aħjar minn dak fl-abbozz tal-baġit għall-2010, minħabba r-riżultat aħjar tal-iżbilanċ antiċipat għall-2009 (0,2 % tal-PDG) u r-reviżjoni tal-previżjonijiet tat-tkabbir (0,3 % tal-PDG), parzjalment ikkumpensat mis-sospensjoni tat-taxxa ambjentali mill-Qorti Kostituzzjonali Franċiża, kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri li jirriżultaw mis-self pubbliku msemmi qabel, li flimkien jirriduċu l-iżbilanċ b'madwar 0,2 % tal-PDG. L-elementi msemmija l-aħħar bidlu l-bilanċ ta' miżuri diskrezzjonali minn madwar +¼ % tal-PDG fiż-żmien tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal wieħed fil-biċċa l-kbira newtrali fil-programm. Il-miżuri ta' stimolu fil-kuntest tal-PERE ta' 1,1 % tal-PDG huma parzjalment imneħħija gradwalment u mnaqqsa għal 0,4 % tal-PDG fl-2010, u hemm ftit miżuri ta' konsolidament ulterjuri ta' 0,1 % tal-PDG (notevolment iż-żieda fit-taxxi inklużi fil-baġit tas-sigurtà soċjali), fatt li jġib il-miżuri ta' konsolidazzjoni totali għal 0,8 % tal-PDG. Madankollu, dawn il-miżuri huma kkumpensati permezz ta' miżuri ġodda li jżidu l-iżbilanċ l-aktar bi spejjeż fil-perijodu qasir inklużi fil-baġit oriġinali għall-2010 li jammontaw għal 0,7 % tal-PDG, notevolment ir-riforma tat-taxxa tan-negozju lokali (madwar 0,6 % tal-PDG) u t-tnaqqis fil-VAT għas-settur tal-catering (0,1 % tal-PDG), kif ukoll mill-miżuri msemmija qabel relatati mas-self pubbliku (madwar 0,1 % tal-PDG). Fl-2010, l-iżbilanċ strutturali, jiġifieri l-iżbilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn ikkalkolati mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-figuri tal-programm skont il-metodoloġija bi qbil komuni, ser jiddeterjora minn 0,25 p.p. u jilħaq 6,75 % tal-PDG. Meta jittieħed kont tal-impatt transitorju tar-rimborżi antiċipati għad-ditti ta' 0,4 % tal-PDG fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-riforma tat-taxxa tan-negozju lokali, miżura ta' darba iżda mhux meqjusa bħala tali fil-programm, l-iżbilanċ strutturali ser jitejjeb xi ftit minn 0,1 p.p. fl-2010 għal 6½ % tal-PDG.

(7) L-għan ewlieni tal-istrateġija baġitarja tal-programm huwa li jġib il-bilanċ tal-gvern ġenerali għall-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG sal-2013, l-iskadenza stabbilita fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009. Il-programm jipprevedi li l-iżbilanċ nominali tal-baġit ser jonqos għal 6 % tal-PDG fl-2011 u ser ikompli jonqos għal 4,6 % fl-2012 qabel ma eventwalment jilħaq it-3 % fl-2013. Il-bilanċ primarju huwa mistenni li jsegwi triq pjuttost simili u jilħaq – 0,1 % tal-PDG fl-aħħar tal-perijodu tal-programm, minn – 5,5 % tal-PDG fl-2010. L-iżbilanċ strutturali kkalkolat skont il-metodoloġija bi qbil komuni ser ikompli jittejjeb wara l-2010, u jilħaq madwar il-5 % tal-PDG fl-2011, l-4 % fl-2012 u t-2 % fl-2013. L-isforz fiskali annwali medju ser jirriżulta ta' 0,9 % tal-PDG matul il-perijodu 2010-2013, li hu kemxejn taħt l-isforz medju ta' aktar minn 1 % tal-PDG kull sena kif rakkomandat mill-Kunsill. L-istrateġija ta' konsolidazzjoni deskritta fil-programm ser tkun ibbażata fuq il-miżuri mmirati sabiex jitrażżan it-tkabbir tal-infiq fil-livelli kollha tal-gvern, b'żieda mat-tneħħija kompluta fl-2011 tal-miżuri f'konformità mal-PERE. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom il-ħsieb li jkompli jitnaqqas l-impatt baġitarju tal-eżenzjonijiet tat-taxxa eżistenti minn madwar 0,1 % tal-PDG kull sena, u dan jibda mill-2011. Il-miżuri li jappoġġaw l-istrateġija ta' konsolidazzjoni għadhom mhumiex speċifikati iżda għandhom jiġu żvelati fix-xhur li ġejjin. Il-programm iqis li l-objettiv għall-perijodu medju (MTO) huwa baġit ibbilanċjat f'termini strutturali. Minħabba l-previżjonijiet l-aktar reċenti u l-livell tad-dejn, l-MTO jirrifletti ferm tajjeb l-objettivi tal-Patt. Il-programm ta' stabbiltà aġġornat ma jipprevedix li jintlaħaq l-objettiv baġitarju għall-perijodu medju fil-perijodu tal-programm.

(8) Filwaqt li fl-2010 l-mira tal-iżbilanċ tidher li hija waħda pjuttost plawsibbli u saħansitra tħalli spazju għal prestazzjoni aħjar fil-każ li t-taxxa ambjentali tkun eventwalment implimentata f'forma emendata, il-previżjonijiet baġitarji jistgħu jirriżultaw agħar minn dawk previsti fil-programm mill-2011 'il quddiem. B'mod partikolari, ix-xenarju makroekonomiku huwa kjarament favorevoli mill-2011 sal-2013. Speċifikament, il-previżjonijiet tal-iżbilanċ huma sensittivi ħafna għat-tkabbir: skont l-analiżi ta' sensittività fil-programm, jekk it-tkabbir tal-PDG ikun inqas minn ¼ p.p. matul dan il-perijodu, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali jaqa' biss għal 4 % tal-PDG fl-2013.

Telf kumulattiv ta' 0,75 % tal-PDG għalhekk jittraduċi ruħu fl-2013 f'żieda fl-iżbilanċ ta' 1 % tal-PDG. Barra minn hekk, il-miri tal-iżbilanċ jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mill-iżbalji possibbli fl-infiq, billi l-korrezzjoni ta' xejriet ta' nfiq pubbliku fil-livelli sottogovernattivi kollha, meta mqabbla max-xejriet tagħhom fil-passat, mhumiex sostnuti minn miżuri speċifiċi biżżejjed. L-evoluzzjoni prevista tad-dħul li hija pjuttost ottimista hija bbażata fuq l-ipotesi ta' fenomeni ta' rkupru wara li nqabżu l-miri b'mod negattiv matul il-kriżi, billi l-elastiċità tat-taxxa mal-PDG hija prevista li tilħaq medja ta' 1,2 mill-2011 sal-2013. It-tnaqqis fl-eżenzjonijiet tat-taxxa minn madwar 0,1 % tal-PDG kull sena mill-2011 lanqas mhu speċifikat. Kumplessivament, l-esperjenza tal-passat tindika li l-qbiż fl-infiq ma jistax jiġi eskluż. Il-valutazzjoni bbażata fuq l-informazzjoni ppreżentata fil-programm tissuġġerixxi li hemm riskji sostanzjali li l-eżiti tal-iżbilanċ għall-perjodu 2011-2013 jistgħu jkunu agħar milli kien immirat fil-programm.

(9) Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern kien ogħla mill-valur ta' referenza tat-Trattat fl-2009 u huwa skont il-programm fuq xejra li qed tiżdied sal-2012. Id-dejn gross tal-gvern huwa stmat bħala 77,4 % tal-PDG fl-2009, 'il fuq minn 67,4 % fl-2008. Barra miż-żieda fl-iżbilanċ u t-tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG, aġġustament sinifikanti fil-fluss tal-istokk, li b'mod partikolari jirrifletti l-operazzjonijiet finanzjarji għas-settur bankarju u dak tal-karozzi, ikkontribwixxa għaż-żieda fil-proporzjon tad-dejn. Hija prevista żieda ulterjuri ta' 9,2 p.p. matul il-perijodu tal-programm, li tilħaq il-livell ta' madwar 87 % tal-PDG, xprunata l-aktar minn żbilanċi tal-gvern li qed ikomplu jogħlew. Fid-dawl tar-riskji sostanzjali għall-miri baġitarji, l-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn x'aktarx tkun inqas favorevoli minn dik prevista fil-programm, speċjalment wara l-2011.

(10) Il-previżjonijiet tad-dejn għall-perijodu medju li jassumu li r-rati ta' tkabbir tal-PDG ser jirkupraw gradwalment għall-valuri previsti qabel il-kriżi, il-proporzjonijiet tat-taxxa ser jirritornaw għal-livelli ta' qabel il-kriżi u jinkludu ż-żieda prevista fl-infiq relatat mat-tixjiħ juru li l-istrateġija baġitarja prevista fil-programm, meqjusa b'valur nominali u mingħajr aktar tibdil fil-politika, ma tkunx biżżejjed biex tistabbilixxi l-proporzjon tad-dejn mal-PDG sal-2020.

(11) L-impatt baġitarju fit-tul tat-tixjiħ huwa kjarament inqas mill-medja tal-UE, bl-infiq fil-pensjonijiet juri żieda kemxejn iktar limitata, b'riżultat tar-riformi tal-pensjonijiet li diġà daħlu fis-seħħ. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2009, kif stmata fil-programm, taggrava l-impatt baġitarju ta' popolazzjoni li qed tixjieħ minħabba l-lakuna fis-sostenibbiltà. L-iżgurar ta' bilanċi pożittivi primarji matul il-perijodu medju jikkontribwixxi għal tnaqqis tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li ġew ivvalutati bħala medji fir-Rapport ta' Sostenibbiltà tal-Kummissjoni għall-2009 ([1]).

(12) Reċentement ġew introdotti riformi biex jittejjeb aktar il-qafas ġenerali tal-baġit. Fid-9 ta' Frar 2009, kien adottat l-ewwel att ta' ppjanar finanzjarju pubbliku fuq numru ta' snin mill-Parlament, li stabbilixxa l-miri tal-infiq fis-sottosetturi ġenerali kollha tal-gvern. Huwa wkoll notevolment jistabbilixxi l-prinċipju tan-newtralità tal-baġit għall-ħolqien ta' eżenzjonijiet mit-taxxa ġodda, li l-ispiża aggregata tagħhom għandha tiġi kompletament kkumpensata. Dan il-prinċipju huwa obbligatorju u ġie kważi sodisfatt fl-2009 meta vvalutat fuq bażi ta' għadd ta' snin. Il-qafas baġitarju annwali fi Franza b'mod partikolari jinkludi normi għall-infiq stabbiliti għas-sottolivelli ġenerali tal-gvern. L-ewwel regola, l-hekk imsejħa "regola li l-volum żero jżid l-infiq", hi stabbilita fil-livell tal-gvern ċentrali. Għalkemm fil-passat bidliet fil-perimetri tar-regola setgħu għenu biex tiġi rispettata, reċentement il-perimetru twessa' bil-għan li jinkiseb kontroll aħjar tal-infiq tal-ġvern ċentrali u dan ġie rispettat.

L-objettiv tal-infiq tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali (*Objectif National des Dépenses d'Assurance Maladie*) li ġie introdott fl-1997 għen biex l-infiq fil-kura tas-saħħa jiġi kontrollat anke jekk il-miri tal-infiq spiss inqabżu. Fl-aħħar nett, l-infiq tal-awtoritajiet lokali hu limitat permezz ta' "regola tad-deheb" li għandha bażi legali, li ma tħallix l-awtoritajiet jgħollu d-dejn biex jiffinanzjaw infiq operattiv u permezz ta' regola li tistipula li ż-żieda tal-fondi trasferiti mill-gvern ċentrali ma tistax taqbeż ir-rata tal-inflazzjoni. Madankollu, l-għanijiet stabbiliti fil-programmi ta' stabbiltà rarament intlaħqu. Il-gvern biħsiebu jkompli jirriforma l-qafas fiskali. Kienet organizzata konferenza dwar il-finanzi pubbliċi fit-28 ta' Jannar 2010 bil-għan li jiġi indirizzat id-deterjorament tal-finanzi pubbliċi Franċiżi u dwar kif għandha tiġi implimentata l-konsolidazzjoni baġitarja. Ġew stabbiliti diversi gruppi ta' ħidma biex jipproponu riformi ġodda li għandhom jiġu żvelati f'April u notevolment jimmiraw lejn trażżin ulterjuri tal-evoluzzjoni tal-infiq fil-kura tas-saħħa, jew fil-kontroll aħjar tal-infiq lokali. Twaqqaf ukoll grupp ta' ħidma dwar regoli bilanċjati tal-baġit. Il-programm jindika wkoll li miżuri ġodda mmirati biex jitnaqqas l-infiq tal-gvern ċentrali ser jiġu ppreżentati f'April. L-istrateġija ta' konsolidazzjoni ppreżentata fil-programm ukoll hija bbażata fuq titjib tal-qafas baġitarju li jsegwi l-proposti magħmula minn dawn il-gruppi ta' ħidma.

(13) Bi 52,7 % fl-2008, il-proporzjon tal-infiq ta' Franza mal-PDG hija l-ogħla fiż-żona tal-euro. Iż-żieda fl-infiq pubbliku matul l-aħħar deċennji kkontribwiet għal żbilanċi u livelli ta' dejn għoljin, li affettwaw is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi Franċiżi. L-awtoritajiet Franċiżi fl-2007 nedew ir-Reviżjoni Ġenerali tal-Politika Pubblika (*Revue Générale des Politiques Publiques*, jew RGPP) bil-għan li jidentifikaw modi ta' kif l-infiq tal-gvern jista' jsir aktar effiċjenti. Sa issa ġew identifikati aktar minn 300 miżura (bil-mira li jinkiseb iffrankar ta' madwar 0,3 % tal-PDG li kien pjuttost modest meta mqabbel mal-ammont globali tal-infiq pubbliku, li jaqbeż il-50 % tal-PDG). Ġew implimentati bejn wieħed u ieħor — minnhom u pereżempju għamluha possibbli li ma jiġix sostitut wieħed minn kull żewġ ħaddiema taċ-ċivil li jirtiraw fis-sottosettur tal-gvern ċentrali. Il-gvern ħabbar fil-liġi tal-baġit għall-2010 li l-RGPP ser tiġi estiża għal korpi ċentrali oħra u aktar riformi huma mistennija li jiġu mħabbra fil-ħarifa. Fl-aħħar nett, rigward is-sistema tal-pensjoni, kif imsemmi qabel, il-programm jirreferi għal riforma li hija mistennija fl-2010. Sa issa ma tħabbru l-ebda miżuri.

([1]) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill mill-10 ta' Novembru 2009 dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi "il-Kunsill jappella lill-Istati Membri sabiex jiffukaw l-attenzjoni fuq strateġiji orjentati lejn is-sostenibbiltà fl-istabbiltà li ġejja u l-programmi ta' konverġenza" u ulterjorament "jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, biex tkompli tiżviluppa l-metodoloġiji għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fil-ħin, għar-rapport li jmiss ta' Sostenibbiltà ", li huwa previst fl-2012.

(14) Kumplessivament, fl-2010 l-istrateġija baġitarja stabbilita fil-programm hija ġeneralment konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Art. 126(7). Madankollu, mill-2011 'il quddiem, b'kont meħud tar-riskji, l-istrateġija baġitarja ma tidhirx li ser tkun konsistenti mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Art. 126(7). Skont il-programm, l-isforz fiskali annwali medju, ibbażat fuq l-evoluzzjoni tal-bilanċ strutturali (ikkalkolat mill-ġdid) jilħaq id-0,9 % tal-PDG. Dan huwa kemxejn inqas minn dak li kien mitlub fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) ("il fuq minn 1 % tal-PDG") u barra minn hekk huwa soġġett għar-riskji msemmija hawn fuq. Il-programm, madankollu, jantiċipa l-iżbilanċ tal-baġit nominali sabiex eventwalment jilħaq it-3 % tal-PDG, li huwa notevolment dovut għal xenarju makroekonomiku kjarament favorevoli fis-snin l-aktar imbiegħda tal-programm, kif ukoll għal suppożizzjonijiet pjuttost ottimisti rigward l-elastiċità tad-dħul fiskali għall-PDG. B'mod ġenerali, b'kont meħud tar-riskji tal-politiki attwali, l-eżiti tal-iżbilanċ għall-perijodu 2011-2013 jistgħu jirriżultaw agħar milli kien immirat fil-programm u jista' jkun hemm il-bżonn li jiġu msaħħa b'mod konsiderevoli biex jiksbu korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2013, kif irrakkomandat mill-Kunsill. L-użu tad-dħul mill-verżjoni l-ġdida tat-taxxa ambjentali sospiża kif imsemmi fil-programm ser jgħin biex jinkisbu miri baġitarji kemxejn aħjar diġà mill-2010. Fl-aħħar nett, l-istrateġija baġitarja tista' wkoll ma tkunx biżżejjed biex id-dejn jitreġġa' lura fit-triq tan-niżla.

(15) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għal programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm jipprovdi d-data rekwiżita kollha u l-parti l-kbira tad-data mhux obbligatorja [1]. Fir-rakkomandazzjoni tiegħu skont l-artikolu 104/126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009 bil-ħsieb li jressaq il-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv lejn it-tmiem tagħha, il-Kunsill stieden ukoll lil Franza biex tirrapporta dwar il-progress magħmul fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill f'kapitolu separat fl-aġġornamenti tal-programm ta' stabbiltà. Franza kkonformat ma' din ir-rakkomandazzjoni.

Il-konklużjoni ġenerali hija li wara deterjorament sinifikanti tal-finanzi pubbliċi fl-2009 kkawżat mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u wara l-miżuri meħuda fil-kuntest tal-PERE, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali għall-2010 hu mistenni li jkompli jiżdied għal 8,2 % tal-PDG. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni u t-tneħħija gradwali ta' miżuri f'konformità mal-PERE jkunu kompensati b'aktar miżuri għat-tnaqqis tal-iżbilanċ l-aktar bi spejjeż fil-perijodu qasir, inkluż l-investiment pubbliku li jirriżulta minn self pubbliku. Il-bilanċ baġitarju għandu jitjieb minn hemm 'il quddiem. Il-proporzjon tad-dejn huwa wkoll mistenni li jiżdied sostanzjalment matul il-firxa tal-programm. It-triq ta' aġġustament ippreżentata fil-programm twassal għal żbilanċ ta' 3 % tal-PDG fl-2013 mingħajr marġni ta' sikurezza u hija bbażata fuq xenarju makroekonomiku kjarament favorevoli mill-2011 sal-2013 flimkien ma' aġġustament strutturali annwali medju li huwa pjuttost inqas mill-aġġustament rakkomandat mill-Kunsill ta' aktar minn 1 % tal-PDG. Din tipprevedi miżuri, l-aktar fuq in-naħa tal-infiq, li jappoġġaw l-istrateġija ta' konsolidazzjoni, għalkemm mhumiex speċifikati fil-programm u ser jiġu identifikati fix-xhur li ġejjin. Għalhekk, il-previżjonijiet baġitarji huma soġġetti għal riskji sostanzjali negattivi u jista' jkun hemm il-bżonn tat-tisħiħ tal-konsolidazzjoni fiskali kif adatt sabiex tiġi żgurata korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2013. L-iżgurar ta' bilanċi pożittivi primarji għoljin matul il-perijodu medju jikkontribwixxi biex jitnaqqsu r-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-programm jindika li r-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet ser tiġi ppreżentata fl-2010.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq u wkoll fid-dawl tar-rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126 tat-TFUE tat-2 ta' Diċembru 2009, Franza hija mistiedna biex:

(i) tuża, matul il-perijodu tal-programm, dħul mhux previst relatat ma' titjib tal-prospetti makroekonomiċi u fiskali, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-miżuri tat-taxxa previsti kollha biex jitħaffef it-tnaqqis tal-iżbilanċ u t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn gross lura lejn il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG;

(ii) tkun lesta biex tadotta miżuri ta' konsolidazzjoni ulterjuri, f'każ li jseħħu r-riskji relatati mal-fatt li x-xenarju makroekonomiku tal-programm ikun aktar favorevoli mix-xenarju li fuqu hi bbażata r-Rakkomandazzjoni tal-Artikolu 126(7), u jispeċifika aktar il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat sforz fiskali annwali medju ta' aktar minn 1 % tal-PDG matul il-perijodu mill-2010 sal-2013 u biex tinkiseb il-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2013;

(iii) tiżgura li l-qafas baġitarju jiġi msaħħaħ, b'mod partikolari fuq in-naħa tal-infiq, u jappoġġa b'mod effettiv il-kisba tal-pjanijiet fiskali deskritti għall-perijodu medju fil-livelli kollha sottogovernattivi, kif ippjanat mill-gvern Franċiż.

Franza hija wkoll mistiedna tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-miżuri wiesgħa li fuqhom hija bbażata l-konsolidazzjoni prevista fis-snin l-aktar imbiegħda tal-programm, mhux aktar tard mill-kapitoli tal-PŻE tal-aġġornamenti tal-programm ta' stabbiltà li jmiss.

[1] Is-suppożizzjonijiet dwar ir-rati tal-interessi fuq il-perijodu qasir u twil mhumiex mogħtija.

**Tqabbil ta' previżjonijiet ewlenin makroekonomiċi u baġitarji**

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (bidla f'%) | **PS Frar 2010** | **0,4** | **– 2,25** | **1,4** | **2,5** | **2,5** | **2,5** |
| | COM Nov 2009 | 0,4 | – 2,2 | 1,2 | 1,5 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *1,0* | *0,2-0,5* | *2,0* | *2,5* | *2,5* | *m.d.* |
| Inflazzjoni HICP (%) | **PS Frar 2010** | **3,2** | **0,1** | **1,3** | **1,6** | **1,75** | **1,75** |
| | COM Nov 2009 | 3,2 | 0,1 | 1,1 | 1,4 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *3,3* | *1,5* | *1,75* | *1,75* | *1,75* | *m.d.* |
| Differenza fil-produzzjoni ([1]) (% tal-PDG potenzjali) | **PS Frar 2010** | **0,8** | **– 2,9** | **– 2,9** | **– 2,1** | **– 1,2** | **– 0,4** |
| | COM Nov 2009 ([2]) | 0,8 | – 2,5 | – 2,5 | – 2,4 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *– 0,6* | *– 1,8* | *– 1,6* | *– 1,1* | *– 0,4* | *m.d.* |
| Self nett/dejn vis-à-vis il-bqija tad-dinja (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **– 3,3** | **– 2,5** | **– 2,8** | **– 2,8** | **– 2,7** | **– 2,7** |
| | COM Nov 2009 | – 3,3 | – 2,3 | – 2,3 | – 2,3 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *– 3,4* | *– 2,6* | *– 2,5* | *– 2,4* | *– 2,4* | *m.d.* |
| Dħul tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **49,3** | **47,7** | **47,6** | **48,6** | **49,1** | **49,8** |
| | COM Nov 2009 | 49,3 | 47,0 | 46,8 | 47,1 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *49,8* | *49,6* | *50,0* | *50,0* | *50,2* | *m.d.* |
| Infiq tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **52,7** | **55,6** | **55,8** | **54,6** | **53,7** | **52,8** |
| | COM Nov 2009 | 52,7 | 55,2 | 55,1 | 54,8 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *52,7* | *53,5* | *52,7* | *52,0* | *51,3* | *m.d.* |
| Bilanċ tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **– 3,4** | **– 7,9** | **– 8,2** | **– 6,0** | **– 4,6** | **– 3,0** |
| | COM Nov 2009 | – 3,4 | – 8,3 | – 8,2 | – 7,7 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *– 2,9* | *– 3,9* | *– 2,7* | *– 1,9* | *– 1,1* | *m.d.* |
| Bilanċ ewlieni (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **– 0,6** | **– 5,4** | **– 5,5** | **– 3,2** | **– 1,7** | **– 0,1** |
| | COM Nov 2009 | – 0,6 | – 5,5 | – 5,4 | – 4,7 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *0,0* | *– 1,1* | *0,1* | *0,9* | *1,7* | *m.d.* |
| Bilanċ stipulat b'mod ċikliku1 ([1]) (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **– 3,8** | **– 6,5** | **– 6,8** | **– 4,9** | **– 4,0** | **– 2,8** |
| | COM Nov 2009 | – 3,8 | – 7,0 | – 7,0 | – 6,5 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *– 2,6* | *– 3,0* | *– 1,9* | *– 1,4* | *– 0,9* | *m.d.* |
| Bilanċ strutturali ([3]) (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **– 3,8** | **– 6,5** | **– 6,8** | **– 4,9** | **– 4,0** | **– 2,8** |
| | COM Nov 2009 | – 3,9 | – 7,0 | – 6,6 | – 6,5 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *– 2,6* | *– 3* | *– 1,9* | *– 1,4* | *– 0,9* | *m.d.* |

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | **PS Frar 2010** | **67,4** | **77,4** | **83,2** | **86,1** | **87,1** | **86,6** |
| | COM Nov 2009 | 67,4 | 76,1 | 82,5 | 87,6 | m.d. | m.d. |
| | *PS Diċ 2008* | *66,7* | *69,1* | *69,4* | *68,5* | *66,8* | *m.d.* |

*Noti:*

(1) Differenzi fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament mill-programmi kif ikkalkolati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif fil-programmi.

(2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 1,5 %, 1,2 %, 1,2 % u 1,4 % rispettivament fil-perijodu 2008-2011.

(3) Bilanġ aġġustat ċiklikament bl-esklużjoni ta' miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra. Miżuri ta' darba u oħrajn temporanji huma 0 matul il-perijodu kollu kopert (2008-2013) skont l-aktar programm reċenti u 0,1 % tal-PDG fl-2008 li jnaqqsu l-iżbilanċ u 0,4 % tal-PDG fl-2010 b'żieda fl-iżbilanċ skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009.

*Sors:*

*Programm ta' Stabbiltà (SP); It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

# OPINJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Ġermanja, 2009-2013

(2010/C 140/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fis-26 ta' April 2010 il-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Ġermanja, li jkopri l-perjodu mill-2009 sal-2013.

(2) Wara kontrazzjoni qawwija xprunata mill-esportazzjoni fil-bidu tal-2008/09, il-PDG reali reġa' tela' sew f'nofs l-2009, bis-saħħa tal-linji ta' politika espansjonarji u żieda fid-domanda estera. Madankollu, telf mill-ġdid tal-momentum lejn tmiem l-2009, issottolinja l-fraġilità tal-irkupru ekonomiku attwali. Filwaqt li s-suq tal-ħaddiema s'issa baqa' b'saħħtu, b'riflessjoni tal-arranġamenti parzjalment iffinanzjati mill-gvernijiet dwar xogħol b'ħinijiet iqsar, is-settur bankarju ġarrab telf konsiderevoli kif ukoll telf komplet fil-valuri mill-investimenti f'assi strutturati.

Minħabba l-miżuri fiskali ta' stimolu mdaqqsa (fl-2009 u l-2010) adottati b'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (PERE) kif ukoll tnaqqis fid-dħul u nefqa akbar marbutin mal-kriżi, il-baġit tal-amministrazzjoni pubblika qaleb minn pożizzjoni bilanċjata fl-2008 għal żbilanċ ta' aktar minn 3 % tal-PDG fl-2009. Dawn l-iżviluppi wasslu għall-ftuħ tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għall-Ġermanja fit-2 ta' Diċembru 2009 fejn il-Kunsill stipula l-iskadenza tal-2013 għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv. Filwaqt li fit-terminu medju ta' żmien l-irkupru għandu jkun appoġġat mir-riformi strutturali tal-imgħoddi, notevolment fis-suq tax-xogħol, karti tal-bilanċi sodi korporattivi jew tal-entitajiet domestiċi u pożizzjoni kompetittiva f'saħħitha, sfida ewlenija ser tkun li jiżdied it-tkabbir potenzjali, partikolarment bit-tisħiħ tas-sorsi interni tat-tkabbir. It-tgħaqqid tal-konsolidazzjoni fiskali neċessarja mal-istabilizzazzjoni tas-settur bankarju, l-iżgurar tal-aċċess għall-finanzi mis-settur nonfinanzjarju u aktar titjib fil-kapaċità tas-suq tal-ħaddiema li jaġġusta ruħu, ser ikunu elementi kruċjali biex jappoġġaw l-irkupru ekonomiku.

(3) Minkejja li ħafna mit-tnaqqis osservat fil-PDG attwali fil-kuntest tal-kriżi huwa ċikliku, il-livell tal-produzzjoni potenzjali wkoll kien affettwat b'mod negattiv. Barra minn hekk, il-kriżi tista' wkoll taffettwa t-tkabbir potenzjali fit-terminu medju ta' żmien permezz ta' anqas investiment, limiti ta' disponibbiltà ta' kreditu u żieda fil-qgħad strutturali. Barra minn hekk, l-impatt tal-kriżi ekonomika ser jaggrava l-effetti negattivi tax-xjuħija demografika fuq il-prodott potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. F'dan l-isfond ser ikun essenzjali li l-pass tar-riformi strutturali jaċċellera bl-għan li jappoġġa t-tkabbir potenzjali. Partikolarment, għall-Ġermanja huwa importanti li tagħmel riformi fl-oqsma tal-kompetizzjoni fis-servizzi, l-integrazzjoni tas-suq tal-ħaddiema u l-edukazzjoni u t-taħriġ.

(4) Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu jibbaża l-programm jipprevedi li wara waqgħa ta' 5 % fl-2009, it-tkabbir fil-PDG reali ser jiġi rrestawrat, u jitla' minn 1,4 % fl-2010 għal rata medja ta' 2 % matul il-bqija tal-perijodu tal-programm. Meta jiġi vvalutat skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa ([2]), dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir pjuttost favorevoli. Il-previżjonijiet tat-tkabbir fil-PDG reali kemm għall-2010 kif ukoll għall-2011 huma kemmxejn ogħla mill-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009. Barra minn hekk, il-programm jipprevedi espansjoni kemmxejn akbar tal-konsum privat fl-2011, appoġġata minn xejra aktar favorevoli għall-impjiegi, il-qgħad u ż-żieda fil-pagi. Il-previżjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni jistgħu jirriżultaw li jkunu għoljin għall-2011, iżda jidhru li huma realistiċi għall-bqija tal-perijodu tal-programm.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/index_mt.htm.

([2]) Il-valutazzjoni tqis notevolment il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009, iżda wkoll informazzjoni oħra li laħqet saret disponibbli minn dakinhar, inkluż il-previżjoni interim tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Frar 2010.

(5) Il-programm jistma li l-iżbilanċ tal-amministrazzjoni pubblika għall-2009 jkun ta' 3,2 % tal-PDG. Id-deterjorazzjoni sinifikanti minn pożizzjoni baġitarja bilanċjata fl-2008 tirrifletti fil-parti l-kbira tagħha l-impatt tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, imma kienet ikkawżata wkoll minn miżuri ta stimolu li jammontaw għal madwar 1,75 % tal-PDG li l-gvern adotta b'konformità mal-PERE. It-tkabbir tal-iżbilanċ kien dovut prinċipalment għan-nefqa minħabba ż-żieda fit-trasferimenti soċjali, investiment pubbliku ogħla u sussidju b'appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar. Skont il-programm, il-politika fiskali hija ppjanata li tibqa' ta' appoġġ fl-2010 qabel ma ssir restrittiva fl-aħħar snin tal-programm. Fid-dawl tas-sitwazzjoni baġitarja u ekonomika relattivament favorevoli tal-Ġermanja, l-espansjoni fiskali kontinwa fl-2010 hija adegwata u b'konformità mal-PERE. F'konformità mal-istrateġija ta' ħruġ sostnuta mill-Kunsill u bil-ħsieb li jiġi kkoreġut l-iżbilanċ eċċessiv sal-2013 u tiġi rrestawrata pożizzjoni sostenibbli fil-finanzi pubbliċi, il-pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2009 u l-2010 hija segwita b'issikkar fiskali konsiderevoli mill-2011 'il quddiem.

(6) Skont il-programm, l-iżbilanċ nominali tal-amministrazzjoni pubblika ser jiżdied minn 3,2 % tal-PDG fl-2009 għal 5,5 % fl-2010, u dan b'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009. It-twessigħ ulterjuri l-iżbilanċ fl-2010 huwa xprunat l-aktar mill-miżuri fiskali ta' stimolu u l-impatt tal-istabilizzaturi awtomatiċi. Id-dħul tal-amministrazzjoni pubblika huwa previst li jiċkien bi kważi 2 % tal-PDG dovuti għal miżuri ta' għajnuna lill-entitajiet domestiċi (bħat-tnaqqis mit-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, rati ta' kontribuzzjoni ridotti għall-assigurazzjoni tas-saħħa, żidiet fl-allokazzjonijiet għat-tfal u allokazzjoni personali bażika ogħla) kif ukoll għal domanda interna aktar dgħajfa. Iż-żieda prevista fin-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika b'madwar 0,5 % tal-PDG tista' tkun attribwita prinċipalment għall-aggravar tas-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol u t-tkomplija tal-investiment fl-infrastruttura pubblika bħala parti mill-istimolu fiskali (madwar 0,25 % tal-PDG skont il-kalkolu tas-servizzi tal-Kummissjoni). Il-perkors tal-politika fiskali fl-2010 ser jibqa' prinċipalment espansjonarju, kif rifless miż-żieda ta' 2,5 % tal-PDG fl-iżbilanċ strutturali (ċiklikament aġġustat, nett ta' miżuri ta' darba u miżuri oħrajn temporanji, kif ikkalkolat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programm skont il-metodoloġija miftiehma komunement). Id-deterjorazzjoni qawwija fil-bilanċ strutturali hija primarjament riżultat tal-miżuri ġodda ta' stimolu introdotti fl-2010 u effetti li baqgħu minn uħud mill-miżuri ta' stimolu adottati fl-2009 (eż. ir-rata ridotta ta' kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni tas-saħħa, investiment addizzjonali fl-infrastruttura). Il-bidla fl-iżbilanċ strutturali kkalkolat skont il-metodoloġija miftiehma komunement (approċċ minn fuq għal isfel) li tammonta għal – 2,5 % tal-PDG hija differenti mill-bidla spjegata fl-informazzjoni dwar il-miżuri diskrezzjonarji adottati fl-2010 (approċċ minn isfel għal fuq) stmat mis-servizzi tal-Kummissjoni għal madwar – 1,75 % tal-PDG. Din id-diskrepanza tista' tkun assoċjata mal-effetti negattivi tal-kompożizzjoni fuq id-dħul mit-taxxa, partikolarment minħabba l-konsum privat u ż-żieda fil-pagi dgħajfin, u telfiet eventwali fid-dħul minn taxxi marbuta mal-profitti.

(7) L-għan prinċipali tal-istrateġija baġitarja għat-terminu medju ta' żmien huwa li jiġi kkoreġut l-iżbilanċ eċċessiv sal-2013 b'medja ta' sforz fiskali annwali ta' madwar 0,75 % tal-PDG fl-2011-2013, konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009.

Il-programm jipprevedi li l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika ser jitjieb mill-2011 'il quddiem. F'termini nominali, il-konsolidazzjoni hija mistennija sseħħ bl-istess dimensjoni fl-2011 u l-2012 – madwar punt (1) perċentwali għal kull sena – segwit minn aġġustament iżgħar ta' madwar 0,5 punt perċentwali fl-2013. Il-pjan previst għall-aġġustament huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni teknika ta' konsolidazzjoni xprunata min-nefqa fil-livell federali (b'sikkatura mifruxa ndaqs fil-kategoriji kollha tan-nefqa ħlief għall-ħlasijiet tal-imgħax u t-trasferimenti għal livelli oħra tal-gvern u għall-esteru). Din is-suppożizzjoni teknika hija relatata mar-rekwiżiti ta' konsolidazzjoni implikati mir-regola nazzjonali baġitarja ġdida. Il-konsolidazzjoni mistennija hija prevista li tiġġarrab prinċipalment mill-gvern Federali (madwar 2 % tal-PDG tul il-perijodu 2011 u 2013) u anqas mil-Länder (madwar 0,5 % tal-PDG). F'termini strutturali (ikkalkolati mill-ġdid skont il-metodoloġija miftiehma komunement), l-iżbilanċ huwa previst li jitjieb b'madwar 0,5 % tal-PDG fl-2011, madwar 1 % tal-PDG fl-2012 u madwar 0,75 % tal-PDG fl-2013. Fid-dawl taż-żieda fil-pagamenti tad-dejn u l-imgħaxijiet, li jiżdiedu lejn tmiem il-programm, il-bilanċ primarju jeħtieġ jittejjeb aktar malajr mil-iżbilanċ nominali. L-għan tal-Ġermanja għat-terminu medju ta' żmien huwa li l-baġit tal-amministrazzjoni pubblika jitqarreb lejn il-bilanċ f'termini strutturali. Skont il-programm, dan jimplika objettiv tat-terminu medju (OTM) ta' – 0,5 % tal-PDG. Minħabba l-aktar previżjonijiet u livell tad-dejn reċenti, l-OTM jirrifletti l-objettivi tal-Patt. Madankollu, il-programm ta' stabbiltà aġġornat ma jipprevedix li jintlaħaq l-OTM fil-perijodu tal-programm.

(8) L-eżiti baġitarji jistgħu jirriżultaw agħar minn dawk previsti fil-programm, partikolarment fis-sena 2011 u wara. Dan huwa relatat man-nuqqas ta' miżuri ta' konsolidazzjoni speċifiċi wara l-2010, il-ħtieġa li r-regola baġitarja nazzjonali l-ġdida tiġi implimentata b'mod effettiv fil-livell ta' gvern ċentrali u sottofederali mingħajr ma jiġu posposti r-rekwiżiti ta' konsolidazzjoni għas-snin l-aktar imbiegħda, l-inċertezza dwar l-introduzzjoni possibbli ta' aktar qtugħ tat-taxxi previst fil-ftehim ta' Koalizzjoni u r-rikonċiljazzjoni tagħhom mal-awsterità baġitarja neċessarja kif ukoll mas-suppożizzjonijiet kemmxejn favorevoli ta' tkabbir. Miżuri addizzjonali ta' stabilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji jistgħu jpoġġu aktar piż fuq il-baġit, minkejja li xi spejjeż tal-appoġġ mill-gvern jistgħu jiddaħħlu lura fil-futur.

(9) Id-dejn gross tal-gvern huwa stmat għal 72,5 % tal-PDG fl-2009, żieda minn 65,9 % fis-sena ta' qabel. Minbarra ż-żieda fl-iżbilanċ u t-tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG, aġġustament sinifikanti fil-fluss tal-istokks (madwar 1 % tal-PDG) jirrifletti primarjament l-operazzjonijiet tas-salvataġġ tal-banek li kkontribwew għaż-żieda fil-proporzjon tad-dejn. Il-proporzjon tad-dejn huwa previst li jiżdied b'9,5 punti perċentwali oħra matul il-perijodu tal-programm għal 82 % tal-PDG, prinċipalment xprunat mit-tkomplija tal-iżbilanċi tal-gvern u, kemmxejn anqas, minn aġġustamenti mhux speċifikati fil-flussi tal-istokks li jżidu d-dejn, ta' madwar 0,5 % tal-PDG kull sena bejn l-2011 u l-2013. Il-previżjoni tad-dejn inkluża fil-programm tibbaża fuq is-suppożizzjoni li l-livell tad-dejn mhuwiex ser jiġi affettwat mill-istabbiliment ta' "banek problematiċi". Barra r-riskji marbuta mal-perkors tal-iżbilanċ, l-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn hija soġġetta għal riskji relatati ma' aktar piżijiet relatati mal-istabbilizzazzjoni tas-suq finanzjarju. Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern huwa ogħla mill-valur referenzjali fit-Trattat u tendenzjalment ser jogħla matul il-perijodu kollu tal-programm.

(10) Il-previżjonijiet tad-dejn għall-perijodu medju li jassumu li r-rati ta' tkabbir tal-PDG ser jirkupraw gradwalment biss sal-valuri previsti qabel il-kriżi, u li l-proporzjonijiet tat-taxxi ser jerġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi u li jinkludu ż-żieda prevista fl-infiq relatat mat-tixjiħ juru li l-strateġija baġitarja prevista fil-programm, meħuda b'valur nominali u mingħajr ebda bidla oħra ta' politika, ma tkunx biżżejjed biex tistabbilizza l-proporzjon tad-dejn-PDG sal-2020.

(11) L-impatt baġitarju fit-tul tat-tixjiħ huwa ftit ogħla mill-medja tal-UE. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2009 kif stmata fil-programm tkompli tkabbar l-impatt baġitarju tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq id-diskrepanza fis-sostenibbiltà. Il-kisba ta' bilanċi pożittivi primarji fit-terminu medju ta' żmien tkun tikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li kienu vvalutati bħala medji fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar is-Sostenibbiltà 2009 ([1]).

(12) Il-qafas fiskali tal-Ġermanja ssaħħaħ konsiderevolment permezz tar-regola baġitarja ġdida ċċementata fil-Kostituzzjoni f'Awwissu 2009. Fl-istess linja tal-istruttura tal-mekkaniżmu preventiv tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), ir-regola l-ġdida hija regola ta' tqarrib lejn il-bilanċ li għall-iżbilanċ strutturali federali tistipula l-livell ta' 0,35 % tal-PDG mill-2016 'il quddiem b'perijodu ta' tranżizzjoni li jibda fl-2011. Il-baġits reġjonali tal-*Länder* għandom ikunu strutturalment ibbilanċjati mill-2020, iżda l-pjanijiet ta' konsolidazzjoni rispettivi tagħhom għad mhumiex ċari. Nuqqas ta' pjanijiet ta' awsterità fil-livell sottofederali u inċertezzi marbuta mal-bżonnijiet futuri ta' finanzjament tal-fondi tas-sigurtà soċjali jippreżentaw riskju potenzjali għall-konsolidazzjoni tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika. Madankollu, ir-regola l-ġdida ttejjeb il-kredibbiltà fiskali u tnaqqas konsiderevolment il-manuvrar diskrezzjonarju meta mqabbel mar-regola baġitarja preċedenti li ma kinitx tipprevjeni l-akkumulu tad-dejn fid-deċennji mgħoddija. Il-Kunsill dwar l-Istabbiltà (*Stabilitätsrat*) maħluq reċentement, magħmul mill-ministri tal-finanzi tal-*Bund* u tal-*Länder*, ser jimmonitorja regolarment il-baġits federali u reġjonali, inkluż l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konsolidazzjoni fil-qafas tal-PST. Madankollu, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mhumiex vinkolanti u ma għandux setgħa jimponi sanzjonijiet. Il-qafas il-ġdid huwa ppjanat li jittejjeb aktar permezz tal-qlib minn approċċ minn isfel għal fuq lejn approċċ minn fuq għal isfel tal-ippjanar baġitarju, b'titjib fil-kontroll tan-nefqa mill-Ministeru tal-Finanzi u b'hekk tkun appoġġata l-konformità mal-konsolidazzjoni predeterminata mir-regola baġitarja. Barra minn hekk, il-gvern jippjana riforma gradwali tal-ibbaġitjar federali u s-sistema kontabbli li tiffoka aktar fuq il-valutazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni tad-dħul u l-infiq.

(13) Minkejja l-kwalità kumplessivament tajba tal-finanzi pubbliċi tal-Ġermanja, għad hemm lok għal titjib. Fuq in-naħa tad-dħul, il-kodiċijiet tat-taxxa tal-kumpaniji u tal-introjtu baqgħu kumplessi, u s-sistema tat-taxxa toffri bosta konċessjonijiet fiskali. Minkejja aktar pjanijiet biex jiżdied l-infiq fuq l-edukazzjoni u l-R&Ż, il-proporzjon relattivament baxx ta' investiment fil-konsum pubbliku jindika li hemm potenzjal għal kompożizzjoni tan-nefqiet orjentata aktar lejn it-tkabbir.

Filwaqt li l-programm jirrikonoxxi l-importanza ta' reviżjoni komprensiva tas-sussidji pubbliċi, ma jelenka l-ebda pjan konkret f'dan ir-rigward. Gwadanni addizzjonali fl-effiċjenza jistgħu jseħħu bit-titjib tal-koordinazzjoni baġitarja bejn il-gvernijiet federali u reġjonali u permezz ta' aktar riorganizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika (eż. użu akbar tal-immaniġġar tal-kwalità, esternalizzazjoni, gvern elettroniku, tnaqqis fl-impjiegi fis-settur pubbliku, eċċ.) ([2]). Il-ħtieġa għall-konsolidazzjoni fiskali tillimita l-ambitu tas-sussidji għas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi mill-baġit ġenerali. Modifiki riċenti *ad hoc* tal-formola tal-aġġustamenti tal-pensjonijiet jippreġudikaw il-kredibbiltà tar-riformi tal-pensjonijiet li saru, minħabba li l-korrezzjoni prevista fis-snin ta' wara tista' tkun diffiċli. Rigward l-assigurazzjoni statutorja tas-saħħa, il-gvern stabbilixxa kumitat speċjali fil-livell ministerjali biex jikkunsidra mill-ġdid il-finanzjament tas-sistema tas-saħħa, b'mod partikolari biex jeżamina l-opzjonijiet għall-frid tal-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni tas-saħħa mill-introjtu

([1]) Fil-konklużjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2009 dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi "il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jiffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq strateġiji orjentati lejn is-sostenibbiltà fil-programmi tagħhom li jmiss dwar l-istabbiltà u l-konverġenza" u wkoll "jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tiżviluppa aktar il-metodoloġiji għall-evalwar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fil-ħin għar-Rapport ta' Sostenibbiltà li jmiss", li hu previst għall-2012.

([2]) Ara *Bundesrechnungshof* (2009), "Chancen zur Entlastung und Modernisierung des Bundeshaushalts".

mill-pagi bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-ħaddiema li ma joriġinawx mill-pagi. L-ewwel riżultati huma mistennija f'Lulju 2010.

(14) Kumplessivament, fl-2010 l-istrateġija baġitarja stipulata fil-programm hija konsistenti mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009. Madankollu, mill-2011 'il quddiem, meta jitqiesu r-riskji, l-istrateġija baġitarja ma tistax tkun konsistenti mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009. B'mod partikolari, il-pjan ta' konsolidazzjoni mill-2011 'il quddiem mhuwiex sostnut b'xi miżuri konkreti u ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni dwar l-implimentazzjoni possibbli tal-miżuri espansjonarji proposti fil-ftehim ta' koalizzjoni l-ġdid tal-gvern u r-rikonċiljazzjoni tagħhom mal-awsterità baġitarja neċessarja. Ir-regola baġitarja nazzjonali - punt ċentrali tal-pjanijiet ta' konsolidazzjoni – għad trid tiġi implimentata f'kull livell ta' gvern. Barra minn hekk, jekk l-irkupru ekonomiku jkun aktar kajman milli attwalment mistenni, dan jista' jippreġudika l-objettivi baġitarji.

Fid-dawl tar-riskji, il-medja tal-isforzi fiskali annwali tista' ma tlaħħaqx l-aġġustament irrakkomandat mill-Kunsill taħt l-Artikolu 126(7). Fid-dawl tal-projezzjonijiet tad-dejn ippreżentati fil-programm u r-riskju ta' aktar miżuri possibbli ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji, l-istrateġija baġitarja mhijiex biżżejjed biex treġġa' lura għan-niżla l-proporzjon tad-dejn imqabbel mal-PDG. Il-konsolidazzjoni maħsuba xprunata min-nefqa, kif ukoll żidiet pjanati fl-infiq fuq l-edukazzjoni u r-R&Ż, ikunu konsistenti mal-mira tal-appoġġ għall-irkupru tat-tkabbir potenzjali. Madankollu, it-tnaqqis proġettat fil-proporzjon kumplessiv tal-investiment taħt il-livell li kien fl-2009 huwa preokkupanti.

(15) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi biċċiet nieqsa fid-data rikjesta u f'dik fakultattiva [1]. Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009 bil-ħsieb li s-sitwazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv tinġieb fi tmiemha, il-Kunsill stieden ukoll lill-Ġermanja biex tirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill f'kapitolu separat fl-aġġornamenti tal-programmi ta' stabbiltà. It-taqsima rispettiva tal-aġġornament tal-programm tipprovdi biss informazzjoni limitata ħafna dwar kif il-gvern Ġermaniż qed jippjana li jagħmel progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Il-konklużjoni kumplessiva hija li b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-finanzi pubbliċi tal-Ġermanja ddeterjoraw sostanzjalment minħabba l-istabbilizzaturi awtomatiċi u rispons mifrux fil-wisa' f'konformità mal-PERE b'reazzjoni għall-kriżi. Il-konsolidazzjoni prevista bbażata fuq in-nefqa mill-2011 'il quddiem twassal għal korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv sal-2013. Madankollu, meta jitqiesu r-riskji, l-istrateġija baġitarja mill-2011 'il quddiem tista' ma tkunx konsistenti mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009. Dan huwa marbut man-nuqqas ta' miżuri speċifiċi li jsostnu l-pjan propost ta' awsterità wara l-2010, l-inċertezza dwar l-implimentazzjoni ta' aktar qtugħ tat-taxxi previst fil-ftehim ta' koalizzjoni tal-gvern il-ġdid u r-rikonċiljazzjoni tagħhom mal-konsolidazzjoni neċessarja, ir-riskji relatati mal-qawwa tal-irkupru ekonomiku u l-ħtieġa possibbli ta' aktar miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji.

Għaldaqstant, implimentazzjoni sħiħa tal-qafas baġitarju mtejjeb għat-terminu medju ta' żmien u l-impenn qawwi f'kull livell ta' gvern sabiex jaderixxu miegħu, ser ikunu kruċjali biex tinkiseb il-konsolidazzjoni fiskali prevista. Meta jitqies il-bżonn li tiġi rrikonċiljata l-konsolidazzjoni fiskali neċessarja mat-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija fit-tul, il-konsolidazzjoni prevista bbażata fuq in-nefqa tidher xierqa, bl-istess mod kif tidher iż-żieda ppjanata fl-infiq fuq l-edukazzjoni u r-R&Ż. Fid-dawl tad-dejn pubbliku jiżdied u bidliet *ad hoc* ripetuti fil-formula tal-aġġustament tal-pensjonijiet kif ukoll inċertezza dwar l-iffinanzjar tal-assigurazzjoni statutorja tas-saħħa, għandha tingħata attenzjoni mill-ġdid lill-miżuri mmirati biex itejbu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq kif ukoll fid-dawl tar-rakkomandazzjoni taħt l-Artikolu 126(7) TFUE tat-2 ta' Diċembru 2009, il-Ġermanja hija mistiedna sabiex:

(i) tispeċifika l-miżuri neċessarji biex isostnu l-konsolidazzjoni prevista; timplimenta l-istrateġija baġitarja għall-2011-2013 kif imfisser fil-programm biex jiġi kkoreġut l-iżbilanċ eċċessiv sal-2013; taħtaf kull opportunità lil hinn mill-isforzi fiskali, kif irrakkomandat fil-PŻE, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet ekonomiċi aħjar, biex taċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn gross lura lejn il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG;

(ii) tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-regola baġitarja kostituzzjonali ġdida f'kull livell ta' gvern, u treġġa' lura d-devjazzjoni mill-formula tal-aġġustament tal-pensjonijiet fl-2008 kif previst.

Il-Ġermanja hija mistiedna wkoll tissottometti, fil-waqt għall-valutazzjoni tal-azzjoni effettiva taħt il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, addendum għall-programm biex tirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(7) tat-2 ta' Diċembru 2009 u biex tfisser f'ċertu dettall l-istrateġija ta' konsolidazzjoni li ser tkun neċessarja biex tersaq lejn il-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv.

Il-Ġermanja hija mistiedna wkoll ittejjeb il-konformità mar-rekwiżiti tad-data tal-kodiċi tal-kondotta.

[1] B'mod partikolari, hija nieqsa d-data dwar introjtu mill-proprjetà, ir-rata ta' mgħax impliċita fuq id-dejn, kategoriji dettaljati tal-aġġustamenti fil-flussi tal-istokks u l-iżviluppi ċikliċi, filwaqt li l-kategoriji "Kumpens għall-impjegati u konsum intermedju "u "Ħlasijiet soċjali" jintwerew f'aggregazzjoni differenti. Dan għandu l-effett li jagħmel il-valutazzjoni oġġettivament aktar diffiċli.

**Paragun ta' projezzjonijiet ewlenin makroekonomiċi u baġitarji**

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali<br>(% ta' bidla) | **PS Jan 2010** | **1,3** | **– 5,0** | **1,4** | **2** | **2** | **2** |
| | COM Nov 2009 | 1,3 | – 5,0 | 1,2 | 1,7 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *1,3* | *– 2,3* | *1,25* | *1,25* | *1,25* | *m.d.* |
| Inflazzjoni tal-IAPK<br>(%) | **PS Jan 2010** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** | **m.d.** |
| | COM Nov 2009 | 2,8 | 0,3 | 0,8 | 1,0 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* |
| Lakuna bejn il-prodott effettiv u dak potenzjali (1)<br>(% tal-PDG potenzjali) | **PS Jan 2010** | **3,2** | **– 2,6** | **– 2,1** | **– 1,3** | **– 1,1** | **– 0,9** |
| | COM Nov 2009 (2) | 3,0 | – 2,9 | – 2,6 | – 2,2 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *2,2* | *– 0,9* | *– 0,7* | *– 0,7* | *– 1,0* | *m.d.* |
| Self mogħti/meħud nett vis-à-vis l-bqija tad-dinja<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **6,6** | **4,5** | **4,9** | **5** | **5,5** | **5,5** |
| | COM Nov 2009 | 6,6 | 4,0 | 3,8 | 3,7 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *7,1* | *7,0* | *7* | *7* | *7* | *m.d.* |
| Dħul ġenerali tal-gvern<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **43,7** | **44,4** | **42,5** | **42** | **42** | **42** |
| | COM Nov 2009 | 43,7 | 44,6 | 43,3 | 42,9 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *44* | *43,5* | *42,5* | *42,5* | *43* | *m.d.* |
| Nefqa ġenerali tal-gvern<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **43,7** | **47,6** | **48** | **47** | **46** | **45** |
| | COM Nov 2009 | 43,7 | 48,0 | 48,3 | 47,5 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *44* | *46,5* | *46,5* | *45,5* | *45,5* | *m.d.* |
| Bilanċ ġenerali tal-gvern<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **0,0** | **– 3,2** | **– 5,5** | **– 4,5** | **– 3,5** | **– 3** |
| | COM Nov 2009 | 0,0 | – 3,4 | – 5,0 | – 4,6 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *0* | *– 3* | *– 4* | *– 3* | *– 2,5* | *m.d.* |
| Bilanċ primarju<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **2,7** | **– 0,6** | **– 3** | **– 2** | **– 0,5** | **0,5** |
| | COM Nov 2009 | 2,7 | – 0,6 | – 2,2 | – 1,7 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *2,5* | *0* | *– 1* | *0* | *0,5* | *m.d.* |
| Bilanċ aġġustat ċiklikalment (1)<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **– 1,6** | **– 1,9** | **– 4,4** | **– 4,1** | **– 3,1** | **– 2,3** |
| | COM Nov 2009 | – 1,5 | – 1,9 | – 3,6 | – 3,5 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *– 1,2* | *– 2,4* | *– 3,5* | *– 2,4* | *– 2,1* | *m.d.* |
| Bilanċ strutturali (3)<br>(% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **– 1,2** | **– 1,8** | **– 4,4** | **– 3,9** | **– 3,0** | **– 2,3** |
| | COM Nov 2009 | – 1,1 | – 1,9 | – 3,6 | – 3,5 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *– 0,8* | *– 2,5* | *– 3,4* | *– 2,4* | *– 2,1* | *m.d.* |

| | | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | **PS Jan 2010** | **65,9** | **72,5** | **76,5** | **79,5** | **81** | **82** |
| | COM Nov 2009 | 65,9 | 73,1 | 76,7 | 79,7 | m.d. | m.d. |
| | *PS Jan 2009* | *65,5* | *68,5* | *70,5* | *71,5* | *72,5* | *m.d.* |

*Noti:*

(1) Lakuni fir-riżultati u bilanċi aġġustati ċiklikament mill-programmi kif ikkalkulati mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programmi.

(2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 1,0 %, 0,7 %, 0,9 % u 1,2 % rispettivament fil-perjodu 2008-2011.

(3) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba biss u miżuri temporanji oħrajn. Miżuri ta' darba biss u oħrajn temporanji jżidu l-iżbilanċ b'0,4 % tal-PDG fl-2008 u 0,1 % tal-PDG fl-2009 skont l-aktar programm riċenti u b'0,3 % tal-PDG fl-2008 skont il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Novembru 2009. Ma hemm l-ebda miżura ta' darba biss jew oħrajn temporanji għas-snin 2010-2013 skont l-aktar programm reċenti u għas-snin 2009-2011 skont il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009.

*Sors:*

*Programm ta' Stabbiltà (PS); It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

II

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 140/04)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 12.1.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 626/08 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | País Vasco |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Ayudas a actividades culturales de carácter supramunicipal |
| Il-bażi legali | Orden 3 de Diciembre de 2008, de la Consejería de Cultura, por la que se regula el régimen de concesión de subvenciones para la realización, durante el ejercicio 2009, de programas o actividades culturales particulares de ámbito supramunicipal |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,75 miljun;<br>Baġit globali: EUR 0,75 miljun |
| L-intensità | 70 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2009–31.12.2009 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Departamento de Cultura del Gobierno Vasco<br>C/ Donostia, 1<br>01010 Vitoria-Gasteiz<br>Álava — País Vasco<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 20.11.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 378/09 |
| Stat Membru | L-Olanda |
| Reġjun | Noord–Brabant |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Verruiming van de Monumentenregeling in Noord-Brabant |
| Il-bażi legali | Titel 4.2 Algemene wet bestuursrecht Algemene Subsidie Verordening Noord-Brabant Monumenten |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Il-konservazzjoni ta' wirt, Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: 25 miljun EUR |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Il-kostruzzjoni, Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Stimulus Programmamagement<br>Postbus 585<br>5600 AN Eindhoven<br>NEDERLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

## Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 140/05)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 21.4.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 1/10 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | País Vasco |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Régimen de ayudas a los museos del País Vasco |
| Il-bażi legali | Orden de 10 de diciembre de 2009 de la Consejera de Cultura, por la que se regula el régimen de concesión de subvenciones destinadas a la promoción museística y al desarrollo de actividades museísticas relacionadas con el patrimonio y la difusión cultural |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,62 miljun; Baġit globali: EUR 0,62 miljun |
| L-intensità | 75 % |
| It-tul ta' żmien | 4.2010-31.12.2010 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Consejería de Cultura<br>C/ Donostia, 1<br>01010 Vitoria-Gasteiz<br>Álava — País Vasco<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5843 – Eli Lilly/Certain Animal Health Assets of Pfizer)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 140/06)

Fil-21 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5843. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Avviżi)*

## AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

### Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2010 dwar ir-reviżjoni futura tas-sistema tat-Trade Marks fl-Unjoni Ewropea

(2010/C 140/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR li f'Mejju 2007 huwa adotta konklużjonijiet rigward il-perspettivi finanzjarji tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "UASI") u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistema Komunitarja tat-trade marks ([1]);

2. JIRRIKONOXXI l-qbil li ntlaħaq fit-18/19 ta' Settembru 2008 fil-laqgħa konġunta tal-Bord Amministrattiv u l-Kumitat tal-Baġit tal-UASI dwar pakkett ta' miżuri baġitarji immirati lejn bilanċjar aħjar tal-baġit tal-UASI fil-futur, dan il-pakkett jikkonsisti fi tliet elementi prinċipali: (i) it-tnaqqis tat-tariffi biex tinkiseb protezzjoni Komunitarja tat-trade marks, (ii) il-ħolqien ta' Fond ta' Kooperazzjoni u (iii) id-distribuzzjoni futura ta' 50 % tat-tariffi ta' tiġdid għall-uffiċċji nazzjonali tat-trade marks tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Uffiċċji Nazzjonali");

3. JAQBEL li dawn il-miżuri baġitarji mhux biss jikkostitwixxu strumenti adatti u utli biex jiggarantixxu baġit ibbilanċjat għall-UASI fil-futur, iżda jikkontribwixxu wkoll għall-immodernizzar, l-integrazzjoni, l-armonizzazzjoni u t-tisħiħ tas-sistema tat-trade marks fl-Ewropa kollha kemm hi fil-qafas ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-UASI u l-Uffiċċji Nazzjonali;

4. JILQA' l-fatt li b'żieda mal-qbil ta' Settembru 2008, it-tariffi biex tinkiseb reġistrazzjoni Komunitarja tat-trade marks ġew imnaqqsa sostanzjalment bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 355/2009 b'effett mill-1 ta' Mejju 2009;

5. JILQA' l-progress sinifikanti li l-UASI għamel fl-istabbiliment ta' Fond ta' Kooperazzjoni u JĦEĠĠEĠ lill-UASI biex jiffinalizza din il-ħidma bħala prijorità, sabiex il-Fond ikun kompletament operattiv bħala kwistjoni ta' urġenza u bil-parteċipazzjoni attiva tal-Uffiċċji Nazzjonali;

6. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2008 dwar Strateġija għall-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Industrijali ([2]);

7. JILQA' t-tnedija mill-Kummissjoni tal-istudju dwar il-funzjonament ġenerali tas-sistema tat-trade marks fl-Ewropa u JAPPOĠĠA l-objettivi tagħha kif speċifikati fit-termini ta' referenza;

8. JIEĦU NOTA tar-riżultati intermedji tal-istudju ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Proprjetà Intellettwali fil-25 ta' Marzu 2010;

9. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiffinalizza l-istudju bil-għan li tibni pedament sod għall-inizjattivi leġislattivi sussegwenti tagħha;

10. JIRRIKONOXXI l-fatt li l-parti l-kbira tal-assoċjazzjonijiet ta' utenti tas-sistema Komunitarja tat-trade marks huma sodisfatti b'din is-sistema, kif ukoll bil-prinċipju ta' koeżistenza bejn it-trade marks Komunitarji u dawk nazzjonali, u jaraw il-ħtieġa li din tiġi rfinata permezz ta' reviżjoni futura, b'kont meħud tal-ħtieġa għal relazzjoni bbilanċjata bejn is-sistema Komunitarja tat-trade marks u dawk nazzjonali;

([1]) Dokument tal-Kunsill 9427/07.

([2]) Dokument tal-Kunsill 12267/08.

11. JAGĦRAF li t-trade marks nazzjonali jkomplu jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' numru kbir ta' applikanti, u li, għalhekk, il-protezzjoni nazzjonali tat-trade marks għandha tibqa' possibbiltà għal dawn l-applikanti;

12. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2009 dwar it-tisħiħ tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern ([1]);

13. IFAKKAR fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern ([2]);

14. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti għar-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u d-Direttiva 2008/95/KE biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks.

Din ir-reviżjoni għandha tinkludi b'mod partikolari:

— l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni speċifika biex jiġi ddefinit il-qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UASI u l-Uffiċċji Nazzjonali;

— ikun ċar li l-armonizzazzjoni tal-prattika u l-għodod hija għan li l-uffiċċji kollha tat-trade marks fl-UE għandhom isegwu u li l-isforzi f'dan il-qasam għandhom jiġu appoġġati u ffaċilitati mill-UASI bl-involviment attiv tal-Bord Amministrattiv tiegħu;

— l-istabbiliment ta' bażi legali ċara għall-involviment tal-UASI f'attivitajiet relatati mal-infurzar, inkluża l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni, b'mod partikolari permezz tat-trawwim tal-kooperazzjoni tiegħu mal-Uffiċċji Nazzjonali, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali tagħhom, u l-Osservatorju Ewropew għall-ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni u l-Piraterija ([3]);

— il-ħolqien ta' bażi legali għad-distribuzzjoni ta' ammont ekwivalenti għal 50 % tat-tariffi ta' tiġdid tal-UASI għall-Uffiċċji Nazzjonali f'konformità ma' kriterji ta' distribuzzjoni ġusti, ekwi u rilevanti, li għandu jiġi ddefinit b'mod li jiggarantixxi, fost l-oħrajn, ammont minimu għal kull Stat Membru, kif ukoll l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi adatti li jqisu b'mod dovut l-arranġamenti finanzjarji applikabbli għall-Uffiċċji Nazzjonali individwali, biex jiġi żgurat li dawn il-fondi jkunu disponibbli għall-Uffiċċji Nazzjonali u jintużaw għal finijiet relatati mill-qrib mal-protezzjoni, il-promozzjoni u/jew l-infurzar tat-trade marks, inkluża l-ġlieda kontra l-falsikfikazzjoni;

— emendi u miżuri oħra, fejn adatt, immirati li jappoġġaw ir-relazzjoni komplementari bejn is-sistema Komunitarja tat-trade marks u dawk nazzjonali;

— miżuri sabiex id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (verżjoni kodifikata) ([4]) tkun aktar konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (verżjoni kodifikata) ([5]) u biex b'hekk jikkontribwixxu aktar għat-tnaqqis ta' oqsma ta' diverġenza ġewwa s-sistema tat-trade marks fl-Ewropa kollha kemm hi.

---

([1]) Dokument tal-Kunsill 13286/09.
([2]) ĠU C 56, 6.3.2010, p. 1.
([3]) B'riferiment speċjali għall-punti 24 u 38 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern.
([4]) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.
([5]) ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

